**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Frar, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**-vs-**
**Andre Galea, detentur tal-Karta tal-Identità numru 24686M**

*Kumpilazzjoni Nru. 280/2021*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Andre Galea** u ċioè talli:

Nhar is-7 ta' Settembru, 2020, għal ħabta ta'16:00 hrs u ħinijiet qabel ġewwa 63, 'Sussex', Triq Antonio Sciortino, Msida:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġini, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni toegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Ines Maria Galea, detentriċi tal-Karta ta' l-Identita numru 156426M u tal-kelba tagħha tar-razza Chivcuahua bl-isem ta' "Betty" bin-numru tal-microchip 941000017431615.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1] w li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.[2]

[1] Fol.8
[2] Fol.11

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-20 ta' Mejju, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-**Ispettur Colin Sheldon** beda biex ikkonferma rapport tiegħu preżentat fl-atti tal-inkjesta.[3] Spjega kif il-Pulizija ġiet infurmata b'telefonata minn residenta fi Triq Antonio Sciortino, Msida li nstemgħet mara tokrob u tgħajjat għall-għajnuna. Dawn irrikorrew fuq il-post u bdew iħabbtu mal-bieb tar-residenza numru 63 fejn, wara li ma fetħilhom hadd, intalbet l-għajuna tas-Civil Protection Department, (aktar il-quddiem imsejjaħ 'CPD'), li sgassaw il-bieb. Il-pulizija ġiet mgħarfa li bejn il-bieb tal-bitħa u l-kmamar ta' ġewwa kien hemm persuna mejta u kelb zgħir ferut. Żewġ uffiċjali oħra tas-CPD li daħlu jassistu lill-pulizija, dlonk ħarġu mir-residenza wara li żewġ pitbulls niezlu jiġru ġewwa -bitħa mir-residenza sovrastanti liema bitha kellha l-bieb tagħha fejn il-bieb tad-*decujus,* Ines Maria Galea. Intqal ukoll li fiż-żmien li l-klieb kienu miżmuma  għand l-Animal Welfare Department (aktar il-quddiem imsejjaħ AWD), kienu weġgħu *animal welfare officer* u voluntiera w b'hekk inbeda l-proċess biex dawn il-klieb, 'Chica'[4] u 'Bullet', traqdu. Il-kelba ta' Ines Galea kellha titraqqad ukoll minħabba n-natura tal-ġrieħi li ġarrbet. [5]

L-Ispettur Sheldon kompla li Ines, is-sid tal-propjeta fejn instabet mejta, kienet tiġi n-nanna tal-imputat u kienet għaddietlu l-propjeta biswit tagħha bin-numru 65. L-imputat qal lix-xhud li hu kien dejjem jgħid lil-nanntu biex il-bieb tal-bitħa ma tiftħux.[6] L-ispettur semma kif Andre Galea kien jieħu ħsieb nanntu, iżda ġie mgħarraf mill-Perit inkarigat fl-inkjesta li r-residenza ta' Ines ma kellhiex dawl għal diversi ġranet peress li l-imputat qala' *fuse* mill-*main box* wara xi ħsara u dan ma ġiex irranġat. Irriżulta li l-imputat ma kienx jgħix f'dak

[3] Fol.11-13
[4] F'partijiet oħra issir riferenza għal isem "Chika"
[5] Fol.17-18
[6] Fol.18

il-fond iżda ma missieru f'Raħal il-Ġdid,[7] kif jikkonferma l-imputat fl-ewwel stqarrija minn tiegħu.[8] Irrizultalu li l-imputat kien dispjaċut ħafna tant li kellu jieħu kura, fejn baqa ma rkuprax.[9] In kontro-eżami l-Ispettur spjega li l-fond fejn seħħ is-sinistru dam issiġġilat xhur biċ-ċwievet tal-fond jinżammu minnu. Semma kif l-imputat beda joqgħod fit-terran ta' nanntu għax ġieli rah hemm.[10]

Ġew preżentati mix-xhud il-*Personal Details*,[11] l-*Identity Card*[12] u ċ-Ċertifikat tal-Mewt ta' Ines Maria Galea.[13]

Il-**Current Incident Report[14]**, li ġie konfermat minn WPS256, illum **PS2256 Lyanne Sant**,[15] issemmi kif Ines Galea instabet mejta fil-bitħa esterna.[16] Irriżulta li bint il-vittma w n-neputija tagħha kienu għadhom kemm żaruha għall-ħabta tat-3pm u qattgħu xi siegħa ħdejha. Qalu li dak il-ħin l-bieb tal-bitħa kien magħluq. Dawn stqarrew mal-pulizija li l-imputat kien qata' d-dawl tal-fond ta' nanntu w għalkemm riedu joħorġuha mid-dar hi ma rieditx. Kemm il-darba avżawha tħalli l-bieb tal-bitha magħluq. Ines semmietilhom li ftit tal-ħin qabel ma wasslu huma kien mar jaraha Andre.[17]

**Is-Surġent 2256 Sant** iddeskriviet kif kellhom jissejjħu s-CPD biex setgħew jingħataw aċċess għall-fond li minnu kien rappurtat li nstema l-għajjat mill-ġara ta' Ines Galea li sussegwentement ċemplet lill-pulizija. Kif tas-CPD daħlu fil-fond infurmawha li kien hemm ġisem bla ħajja fil-bitħa, liema katavru ġie identifikat bħala dak ta' Ines Maria Galea.[18] F'ħin minnhom tas-CPD harġu jiġru għaliex raw zewġ pitbulls niezlin minn taraħ li jagħti għall-bitħa, *"..dawn kienu jiġifieri mill-bitħa għal residenza ta' Andre Galea, kien hemm just bieb u taraġ jifridhom"*.[19] Tas-CPD ħarġu magħhom il-kelb Chiuahua li dak il-ħin kien għadu ħaj u l-bieb tar-residenza ingħalaq kompletament. Wasslu wkoll tal-AWD.[20]

---

7 Fol.19-20
8 **Dok.CS2** a fol.25
9 Fol.21-22
10 Fol.324
11 **Dok.CS3** a fol.27
12 **Dok.CS5** a fol.29
13 **Dok.CS11** a fol.39
14 **Dok.CS10** a fol.36 et seq. Kopja oħra esebita bħala **Dok.LS1** a fol.117 et seq
15 Fol.96 et seq
16 Fol.37
17 Fol.37 tergo
18 Fol.97-98
19 Fol.98
20 Fol.102-104

Bint il-mejta infurmatha li, xi ġimgħa qabel, Andre kien qata' d-dawl ta' ommha biex jisfurzaha toħrog mill-fond biex jieħu t-terran ukoll.[21] Hi ma setgħetx tikkonferma dan kienx minnu iżda il-post fejn instabet Galea kien mudlam għalkemm fuq barra kienet għadha x-xemx għaliex daħlu għall-habta tal-4.30pm.[22] In kontro-eżami kkonfermat li bint u n-neputija tal-mejta infurmawha li l-klieb kienu jinżlu fil-bitħa meta jxommu xi ħaġa tal-ikel jew meta jkunu bil-ġuħ[23]. Iddikjaraw li Galea biss kellha ċavetta għal bieb tal-bitħa u dak il-bieb kien jinżamm magħluq.[24]

**PC149 Jesmond Abela,** li akkumpanja lis-Surġent Sant fuq il-post tas-sinistru, filwaqt li kkorobora x-xiehda tagħha żied dettalji dwar ir-rejazzjoni li kellhom l-uffiċjali tas-CPD hekk kif lemħu l-klieb fir-residenza.[25] Il-kuntistabbli jgħid li hu daħal mal-uffiċjali tas-CPD li, *"Ħarġu riħ il-barra, għax niżlu, għax niżlu l-klieb għalihom, niżlu żewġt iklieb għal tas-CPD, mhux għalija"*. Meta daħal fil-fond mal-uffiċjali ftit wara daħlu xi żewġ uffiċjali oħra li rahom ***"Gas down ħarġu, riħ"*** u għalqu l-bieb. Lilu qalulu li kienu ħarġu xi żewġt iklieb kbar għalihom.[26] Meta hu raha l-klieb dawn kienu *"Kalmi"*.[27]

Uffiċjali tas-CPD

**Jeffrey Galea**, Lead Assistant Rescue Officer (LARO) mas-CPD, iddeskriva kif wara li ġew mgħajta biex jagħtu l-assistenza lill-pulizija biex jaċċedu għad-dar in kwistjoni w irnexxielhom jidħlu, sab dmija ħdejn is-sodda. Il-bieb tal-bitħa kien miftuħ u malli ħareġ fiha ra l-anzjana mal-art wiċċha l-isfel w infurmaw il-pulizija b'dan.[28] Peress li raw li kien hemm kelb Chihuahua ferut taw parir lill-pulizija biex jmorru fuq il-post tal-Animal Welfare. Meta reġgħu daħlu fil-fond ħarġu żewġt iklieb minn naħa tal-bitħa w huma beżgħu minnhom. Meta kienu wasslu tal-AWD, infurmaw l-imputat biex joħroġhom hu. Hekk sar u dawn ittieħdu mid-Dipartiment.[29] Ġie preżentat id-**Daily Incident Report**.[30]

**Domenic Brignone,** Assistant Rescue Officer, ikkorobora l-fatti spjegati minn LARO Jeffrey Galea. Il-bieb tat-terran ġie llevat b'turnavit u hu flimkien ma

21 Fol.98-99
22 Fol.104-106
23 Fol.293
24 Fol.292
25 Fol.110-112
26 Fol.112-114
27 Fol.115
28 Fol.177-178
29 Fol.179-181
30 **Dok.JG1** a fol.183

LARO Galea u ARO Joshua Spiteri daħlu fil-fond. Jispjega li bdew dieħlin fil-fond u *"x'ħin dorna fuq il-lemin ilmaħħna bieb li kien jagħti għall-bitħa, u x'ħin kien hemm purtiera ftaħniha rajna mara wiċċha l-isfel, li dehret bla ħajja. Kellha xi partijiet minn ġisimha neqsin ukoll"*.[31]

**ARO Joshua Spiteri** ikkonferma l-fatti li xehed dwarhom ARO Brignone.[32] Xehdu wkoll **ARO Joseph Azzopardi**[33] u **ARO Josef Grech**.[34]

<u>Stqarrijiet</u>[35]

Ittieħdu żewġ stqarrijijiet ta' Andre Galea bl-ewwel waħda tkun dik meħuda dakinhar tas-sinistru.[36]

Galea jiddikjara li sa ftit żmien qabel kien jgħix ma nanntu fil-fond fi Triq Antonio Sciortino, Msida, iżda wara li beda jsofri minn dipressjoni, mar jgħix ma missieru f'Raħal il-Gdid. Fid-dar ta' nanntu kellu <u>12 il-kelb</u> għaliex kien jgħammarhom. Il-klieb tar-razza Pitbull, kienu kollha *microchiped* u reġistrati fuqu. Qabel kien jgħix fil-fond fejn iżomm il-klieb, fuq it-terran ta' nanntu. Id-dar ta' nanntu kellha aċċess għal fond sovrastanti, fejn kien iżomm il-klieb, permezz ta' bieb fl-ewwel sular kif ukoll minn bieb tal-bitha ta' nanntu.

Jistqarr li *"kont navżaha sabiex iżomm dawn iż-żewġ bibien magħluqa għax il-klieb miegħi kienu jġibu ruħhom sew imma hija kienet qisha estraneja għalihom u seta' ġara li nħasdu....Ngħid ukoll li hija kienet* ***ġieli toħroġ fil-bitħa bic-chiwawa f'idejha****. Il-bieb tal-bitħa dejjem kien ikun msakkar"*.[37] L-uniku żewġt iklieb li kienu jinżlu fil-bitħa biex jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom kienu propju il-klieb Bullet (l-iswed) u Chica (il-kannella). Skond l-imputat dak li kien jissepara ż-żewġ residenzi kienu *"Żewġ bibien hemm. Wieħed isfel u l-ieħor fuq. Ngħid li ta' isfel ikun dejjem imsakkar biċ-ċavetta"*. **Jammetti li r-razza tal-Pitbulls hi razza aggressiva** għalkemm qatt ma kellu xi inċidenti bihom. Temm l-ewwel stqarrija tiegħu billi wera sogħba għal dak li sehh għax lin-nanntu kien iħobbha ħafna u ddispjaċih għal fatt li ma kienx id-dar għaliex <u>dak li seħħ seta' jiġi evitat</u>.[38]

---

[31] Fol.184-186
[32] Fol.187-188
[33] 196-198
[34] Fol.19-204
[35] ESebiti ukoll bħala **Dok.AG1** u **Dok.AG2** a fol.143 et seq tal-Proċess Verbal
[36] **Dok.CS2** a fol.24 et seq
[37] Fol.25
[38] Ibid.

It-tieni stqarrija ttieħdet nhar it-22 ta' Settembru, 2020.[39] L-imputat semma kif dakinhar tas-sinistru kien mar jitma u jagħti l-ilma lill-klieb għall-ħabta ta' nofsinhar. Kif ħareġ mill-fond tiegħu ħabbat lin-nanntu li fetħitlu w daħal fejnha għal madwar nofsiegħa. Meta kien ħdejħa beda jibki minħabba d-depressjoni tiegħu, b'nanntu tagħmillu kuraġġ. Wara ċempel lill-missieru biex jgħaddi għalih għax hu ma jsuqx, u mar jgħum miegħu r-Rinella. Jikkonferma li l-bieb tal-bitħa kien magħluq *"Hija kienet dejjem iżżommu magħluq biċ-ċavetta".* Il-bieb tal-ewwel sular *"Dak dejjem miftuħ kont inħallih sabiex il-klieb jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom barra. Iva dakinhar kien miftuħ."* Dak il-bieb kien jinżamm miftuh tul l-erba' (4) snin li kien ilu jżomm il-klieb f'dak il-fond.

Jispejga kif il-bieb tal-bitħa qatt ma nfetaħ u kien ikun imsakkar biċ-ċavetta minn ġewwa. Nanntu ma kienitx tuża l-bitħa peress li l-ħasil u n-naxra jagħmluhomla qraba w ħbieb tagħha, filwaqt li gas ma tużax għax kellha s-servizz ta' "Meals on Wheels". Ma kienx hemm dawl għal madwar ħmistax fiż-żewġ residenzi għax kien hemm *main box* (propjament imsejjħa *"distribution box"*) waħda, bil-meter u s-salvavita tkun fir-residenza sovrastanti. Jikkonferma li nanntu tagħtu dak il-fond sabiex iżżommu taħt għajnejha minħabba xi vizzji li kellu w ħallietu jrabbi l-klieb hemm minn madwar erba' (4) snin qabel. Kien hemm xi żijiet, waħda Malta u tnejn li jgħixu l-Ollanda, li ma kienux ħadu pjaċir b' dik id-deċiżjoni. Il-*breeding* li jagħmel kien biss delizzju w mhux għal xi profitt. Ikkonferma kif dejjem mexa fuq struzzjonijiet tal-AWD tant li bejn l-2018 u l-2020 kellu sitt (6) spezzjonijiet wara li ġirien għamlu ilmenti mad-dipartiment. Itemm din l-istqarrija billi jerġa juri id-dispaċir tiegħu li ma kienx id-dar x'ħin seħħ dan kollu għaliex it-tragedja setgħet tiġi evitata u jtenni *"Lin-nanna kont inħobba ħafna"*.[40]

Rapprezentanti mill-AWD

**Noel Montebello,** li fiż-żmien l-akkadut kien id-Direttur tal-AWD, xehed kif wara rapporti li saru lid-dipartiment, il-fond fejn l-imputat kien qed iżomm l-annimali ġie spezzjonat u l-annimali dejjem instabu f'kundizzjoni tajba skond il-liġijiet u regolamenti tal-ħarsien tal-annimali.[41] Għalkemm kienu nstabu xi nuqqasijiet zghar, l-imputat segwa l-istruzzjonijiet u emenda s-sitwazzjoni.[42] Għalkemm kien ikun hemm ħmieġ ma kienx il-każ li jinvolvu id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.[43] Mir-rapporti prezentati fil-kors ta' spezzjonijiet li kienu

---

[39] **Dok.CS9** a fol.33 et seq

[40] Fol.34-35

[41] Fol.71

[42] Fol.72

[43] Fol.298

jsegwu rapporti ma rrizultax li l-klieb kienu aggressivi jew li kien hemm ħtieġa li jittrażżnu.[44]

**Saviour Farrugia**, adett mal-AWD, iddeskriva kif dakinhar tal-akkadut waqt li kien fuq xoghol fl-ambulanza, rċevew telefonata għall-assitenza fl-Imsida. Hu mar fuq il-post flimkien ma kollega tiegħu Raymond Cutajar. Intalbu jikkonstataw jekk il-fond kienx sigur minħabba l-presenza ta' klieb.[45] Huma ppruvaw jaqbdu l-klieb hekk kif wasal sidhom fuq il-post li *"qalilna l-klieb huma mansi...infatti hariġhom hu fil-biċċa indana tal-bieb li għandu mal-bieb"*. Sa dak il-ħin hu ma daħalx biex jippermetti lis-sid jidħol hu, *"Is-sid qalilna li ma għandniex biża minnhom"*.[46] Għalhekk hu qallu biex iġibhom hu, *"Il-klieb vera kienu fidili ha ngħidu hekk u jiena għaddejthom ġol-vann tax-xogħol"*. [47] Jikkjarifika li l-klieb inħarrġu mill-imputat bil-mezzanin fejn hemm kanċell b'xi tarġiet u bieb tal-injam.[48] Kien minn dan il-bieb, Nru.65, li hu kien intalab mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jara klieb oħra li s-sid kien iżomm fuq il-bejt tar-residenza li aċċeda għaliha mal-imputat u l-Ispettur.[49] Dawn il-klieb instabu f'sura tajba, miżmuma imsakkrin f'garzelli u għalhekk ġie aċċeratat li kien *safe* għall-uffiċjali biex jidħlu fil-fond. Fuq ordni tal-Maġistrat il-klieb ittelgħu l-APH, l-isptar tal-annimali.[50]Ic-Chihuahua inġabret mejta.[51] Il-klieb li għaddielu Galea ***"Tahomli f'idejja....u jiena ħadthom biċ-ċinga għal ġol-van...Ma kellhi ebda problema, biex intellagħhom ġol-van."***. Malli wasal l-isptar ħarġet waħda u ***"wasalthomlha sal-bieb bla inkwiet ta' xejn"***.[52] Jikkonferma għal darb' oħra li **minn meta il-klieb ittelgħu fil-vann u għaddewhom lill-isptar, ma tawhom l-ebda problemi**.[53]

Farrugia spjega kif il-post 65 kellu bieb tal-alluminium f'nofs it-tarag li ssib wara l-bieb ta' barra fejn qisu kien hemm bitħa interna fejn kien hemm kelb magħluq wara l-bieb tal-aluminium. Baqgħu tielgħin fuq il-bejt fejn sabu bejn għaxra jew tnax il-kelb f'garzelli kienu ta' qies tajjeb u nodfa.[54] Dawn il-klieb kienu Pitbulls, Bullies u AmStuffs. Muri r-ritratt a fol.48 tal-Process Verbal jikkonferma li kien hemm bitħa iżda hu ma niżilx fiha.[55] In kontro-eżami

---

[44] Fol.303
[45] Fol.125-128
[46] Fol.129
[47] Fol.130
[48] Fol.131-132 fejn issir riferenza ghar-ritratt tal-bieb tar-residenza ta' Ines Maria Galea
[49] Fol.133
[50] Fol.134-136
[51] Fol.137
[52] Fol.138-139
[53] Fol.140
[54] Fol.140-141
[55] Fol.142-144

jispjgea kif kien aċċeda għal bejt tal-mezzanin, flimkien mal-ispettur u s-sid,[56] mill-bieb prinċipali li jagħti għat-triq u li kellu kanċell. L-imputat għaddielu zewg AmStuffs li daħħalhom fil-van u wara baqgħu tielgħin fuq fejn raha li l-klieb kienu magħluqin ġo *pens*.[57] Avża l-Maġistrat b'dan u l-investigazzjoni setgħet tinbeda. Iktar il-quddiem jiċċara li Pitbulls u Amstaffs qishom l-istess u il-kliem jużahom *interchangeably*.[58]

**Raymond Cutajar**, Animal Welfare Officer, ikkorrobora dak li xehed Farrugia w tenna kif għalkemm stennew lis-sid jasal fuq il-post biex joħroġ il-klieb *"Ma afdajnihomx però kienu* ***kalmi jafna...harighom hu, harighom kalmi hafna***..*"*.[59] Jispjega li huma ma daħlux fejn instabet il-vittma iżda telgħu fid-dar ta' fuq li hi ta' żewġt sulari u b'bejt fejn kien *pens* tal-klieb li kienu *restrained*.[60] Temm ix-xiehda tiegħu billi kkonferma dak li kien xehed fl-inkjesta.[61]

Il-**Veterinarja Dr. Andrea Grima,** mill-APH Veterinary Hospital, ikkonfermat rapporti preżentat fl-inkjesta.[62] Flimkien ma Dr. Lex Ormsby, eżaminat żewg Pitbulls fl-Isptar Ta' Qali, liema klieb ittieħdu l-imsemmi sptar minn uffiċjali tal-AWD. Il-kelba Chiuachua inġabet l-isptar mejta.[63] L-eżami fuq il-Pitbulls wera li dawn kienu b'saħħithom, *"clinically healthy"* għalkemm kellhom *scars* fuq wiċċhom, bil-kelb ikollu iktar *scarring* mill-kelba.[64]

Tkompli li meta ezaminaw il-klieb dawn ma kienu aggressivi xejn, anzi il-kelba kienet tidher li tibża u l-kelb kien qed jifraħ magħhom *"imma t-tnejn (2) li huma kienu kwieti"*.[65] L-*scarring* ġeneralment jiġu minn *dog fights* minħabba l-marki ta' snien. Fil-każ tal-kelb dawn dehru li seħħew xi tlett ġimgħat qabel imma tal-kelba kienu eqdem għax laħqu għalqu. F'dan il-każ libsuhom biss sarima skond ma jiddettaw il-*protocols* mingħajr ħtieġa li jinqabdu b'*catchpole* u jingħataw il-loppju.[66]

Ir-rapport tal-Veterinarji maħtura fl-inkjesta ġie esebit fl-inkjesta.[67]

---

[56] Fol.312
[57] Fol.313
[58] Fol.321
[59] Fol.150-151
[60] Fol.152-153
[61] Fol.156. Xiehda fil-Proċess Verbal a fol.225-229.
[62] **Dok.OG** a fol.21 u 22 tal-Proċess Verbal
[63] Fol.74-78
[64] Fol.79
[65] Fol.84
[66] Fol.85-86
[67] **Dok.OG** a fol.19-22 tal-Proċess Verbal.

Il-Proces Verbal

Ġie prezentat il-**Proces Verbal** numru **PV385/2021**[68] redatt mill-Onor. Maġistrat Dr. Charmaine Galea.[69]

**Mario Buttigieg**, espert maħtur fl-Inkjesta, ikkonferma r-rapport minn tiegħu.[70]

**PS122 Arthur Borg i**kkonferma r-relazzjoni tiegħu[71] preżentata fl-inkjesta fejn dakinhar tas-sinistru għamel xogħol ta' fotografija. Nhar l-10 ta' Settembru, 2020, rritorna fuq is-sit tas-sinistru biex ħa ritratti tal-bieb tal-alluminium tal-bitħa,[72] *"Wara dak il-bieb kien hemm il-kadavru"*.[73]

Peress li dan il-bieb a fol.50 (tal-PV) jidher bil-*police tape* fuqu, hu ċar li dan ittieħed it-tieni darba li mar fuq il-post, u ċioe fl-10 ta' Settembru, filwaqt li dak muri a fol.31 ittieħed dakinhar tas-sinistru bil-vittma tinstab warajh fin-naħa tal-bitħa.[74] Dan kien il-bieb tal-bitħa li nstabet warajh, fil-bitħa, Ines Galea. L-espert ġie ordnat mill-Qorti sabiex mir-ritratt imsemmi jagħmel *enlargement* taż-żokkra tal-bieb tal-bitħa sabiex jiġi kkonstatat jekk fil-*lock* kienx hemm ċavetta.[75] Riprodott PS Borg ipprezenta *enlargement* tar-ritratt taż-żokkra tal-bieb tal-bitħa.[76] Tidher biċ-ċar iċ-ċavetta fil-*lock* tal-bieb. [77]

In kontro-eżami jikkjarifika li l-ewwel darba li ħa ritratti tal-fond kien fid-data tas-sinistru fejn il-bieb tal-bitħa tat-terran kien miftuħ. Fuq ordni tal-Maġistrat Inkwirenti reġa aċċeda fil-fond nhar l-10 ta' Settembru, 2020 fejn ħa ritratti tal-bieb li jinstab fl-ewwel sular bir-ritratti jittieħdu minn naħa tal-bitħa.[78] Fis-7 ta' Settembru hu kien ffotografa biss il-bieb tal-bitha li jinsab fit-terran fejn instabet mejta Galea.[79] Biex aċċeda għal fond kellha tinġieb iċ-ċavetta mingħand PC242 J. Cefai.[80]

---

68 **Dok.MM** a fol.11A et seq. Konferma tal-esperti maħtura a fol.10
69 Fol.10.
70 Fol.52. Relazzjoni **Dok.MB** a fol.173 et seq tal-Proċess Verbal
71 **Dok.AB** a fol.23 et seq tal-Proċess Verbal
72 Fol.55. Ritratt tal-bieb a fol.50
73 Fol.56
74 Fol.59
75 Fol.64
76 Fol.205-206.
77 **Dok.ABX2** a fol.207
78 Fol.284. Vide ritratt in kwistjoni a fol.47 tal-Proċess Verbal,
79 Fol.286
80 Fol.288

Il-Qorti ma tara li hemm l-ebda lok għal miżinterpretazzjoni dwar liema bieb jappartjeni lill-fond terran jew lill-mezzanin sovrapost għat-terran fejn instabet mbiċċra Galea. Jidher ċar li hu biss il-bieb li jinsab fis-sular ta' fuq, ċioè tal-mezzanin, li għandu l-aperturi tal-loġġ li jistgħu jinfetħu, tant li r-ritratti a fol.47 u a fol.51 (tal-PV) juruhom miftuħin kemm minn naha ta' gewwa kif ukoll minn barra rispettivament. Fil-fatt il-bieb tal-bitħa fit-terran, muri a fol.50 (tal-PV) fejn biswit tiegħu instabet mejta Ines Galea, jidher bil-loġġ *fixed*. Iktar minn hekk il-kuluri tal-bibien ukoll huma differenti fejn dak fit-terran ikun kulur kannella skur filwaqt li tal-bieb fl-ewwel sular kulur id-deheb!

Il-**Perit Mario Cassar** ikkonferma r-relazzjoni tiegħu preżentata fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali.[81] In kontro-eżami jispejga li l-fond kien terran b'taraġ li jagħti għall-propjeta sovrastanti fejn kien hemm bieb tal-alluminium li jissepara l-mezzanin mit-terran.[82]

**Rosemarie Barbara**, bint Ines Maria Galea, spjegat kif f'xi l-4pm kienu ċemplulha l-ġirien għaliex ommħa ma bdietx tiftaħ il-bieb. Għall-ħabta tat-3pm, flimkien ma bintha Jeanette kienet marret iżżur l' ommha u Ines bagħtet lil Jeanette tixtrilha żewġ kartuniet *milkshake*. Ma tantx damu w lill-ommha ħallewha trankwilla fuq is-sufan. Tiddeskriviha bħala mara b'saħħitha ħafna li kienet tagħmel kollox waħedha għalkemm kellha 94 sena.[83] Iddeskriviet l-istat ħażin li kienet titħalla l-bitħa ta' ommha bil-ħmieġ (*excrement*) tal-klieb tant li ssemmi kif ommha kienet torqod b'maktur ma wiċċha biex ma xxomx l-irwejaħ tal-ħmieġ, li anke kien iwassal sabiex d-*drains* tal-bitħa jinstaddu. Anke l-istess xhud iddeskriviet li kienu kwazi jirremmtu meta jkunu qed jieklu għandha.

Rosemarie ddeskriviet kif ommha ***"...she never used to open the door. U kienet tghidli Rose imsakkar il-bieb [?] imsakkar qieghed[?]. Għax kienet tibza ghax kienet tgħidli 'I am not safe.' Ma iniex safe'."*** Meta kienu ħdejha il-bieb kien ***"Imsakkar, imsakkar, dejjem kien imsakkar."***[84] Kienu telqu minn għandha xi 3.20pm u hi qaltilhom li kien mar kuġinuwha kif ukoll Andre li telaq wara kuġinuwha. Tikkonferma li minkejja l-età tagħha Ines Galea *"was in a very good state of mind"*.[85] Kemm il-darba qaltilha sabiex tmur tgħix magħha iżda ommha kellha qalbħa marbuta mad-dar li kienet ilha tgħix fiha ma żewġha sa mill-1973.

---

[81] Fol.175-176. Vide **Dok.MC** a fol.129 et seq tal-Proċess Verbal.
[82] Fol.275-276
[83] Fol.159
[84] Fol.160
[85] Fol.161

Fid-dar l-oħra kienet tgħix oħt Rosmarie li mietet erba (4) snin qabel u Andre daħal jgħix hemm minflokha.[86] Ix-xhud kompliet tixhed dwar kif ommha *"Kienet tgħidilna li mhux safe...Kinet tibża ħafna minnu....Kienet tibża minn neputi, Kienet tibża minn Andre. Kienet tgħidli dak jasal....Kienet tgħidli li ma hijiex safe...Kienet tibża minnu ... kienet tibża minnu...Niftakar li kien imbuttaha fl-art darbtejn. Għal wiċċha u għal tulha, niżlet. ... kienet qaltli imbuttani mal-art".*[87] Għal kull buon fini jrid jingħad li dawn l-allegazzjonijiet baqgħu ma ġewx pruvati.

Kompliet tispjega kif mit-30 t'Awissu ta' dik is-sena kienet ilha bla dawl, u meta ippruvat tkellem lil Andre dan baqa ma riedx ikellimha; darba minfloku niżel barrani li taha *fuse* li skond l-*ironmonger* kien għadu tajjeb. Dak il-barrani qalilha li jekk il-*fuse* jiġi imqieged f'postu ma jkollhomx dawl. Riedet tieħu *electrician* imma il-barrani infurmaha li qabel xejn kien għall-imputat li jikkonsentixxi w b'hekk ommha baqgħet bla dawl.[88]

**Jeanette Barbara**, bint Rosmarie, spjegat kif għall-ħabta tat-3pm kienet marret ma ommha biex jagħtu l-ikel lil nannitha fejn ix-xwejħa nfurmathom li Andre kien għadu kemm telaq minn ħdejha. Damu hemm xi kwarta wara li marret taqdiha mill-Convenience Store u meta telqu w kienu saru xi l-4pm, ommha rċeviet telefonata fejn il-ġirien għarfuha li nannitha ma bdietx tiftħilhom. Għalhekk libset u reġgħu lura għand nannitha.[89]

Ix-xhud ikkonfermat ix-xiehda li ngħatat minnha fl-inkjesta.[90] Spjegat li nannitha kienet tinsisti li l-bitħa tibqa msakkra għaliex fiha kienu jinżlu l-klieb minn fuq. Iddeskriviet kif nannitha kienet tħobb lil Andre; xi drabi kienet tfaħħru, drabi oħra tgħid li aħjar ma kienx qed jgħix hemm izda *"hadd ma setgħa jagħmel xejn"*. Ines Galea kiwenet tgorr minħabba l-ħmieġ li kien ikollha fil-bitħa *"U kienet tgħid tipo fi xjuħiti kif spiċċajt. Għaliex kienet tieħu ħsiebu kienet toqgħod issajjar u hekk".*[91]

**Alfred Galea**, missier l-imputat, xehed li wara li mietet martu fl-2014, Andre mar jgħix ma nanntu fejn kien juża s-sular ta' fuq u l-bitħa. Il-klieb kien iżżomhom fil-parti tad-dar fejn kien jgħix u dawn il-klieb qatt ma kienu aggressivi jew ikkawżaw problemi.[92] **Andre kien jieħu ħsieb il-bitħa**.[93] Il-familja kienet tieħu ħsieb Ines, kellha l-*"Meals on Wheels"* u l-ġarha kienet

[86] Fol.163
[87] Fol.164-165
[88] Fol.167
[89] Fol.168-169
[90] Fol.169
[91] Fol.169-170
[92] Fol.328
[93] Fol.329

taħslilha l-ħwejjeġ.[94] Biex Andre jaċċedi għad-dar ta' nanntu kien ikollu jgħaddi mill-bieb tal-mezzanin, li hu mat-triq, u jħabbat mal-bieb tat-terran. Il-bitħa kienet tinżamm *"Always locked. Always always locked"* minn Ines Galea li kienet hi biss li kellha ċwievet tagħha.[95] In kontro-eżami jgħid li l-ġirien kienu jaħslulha l-ħwejjeġ peress *"she was old. I imagine she was too old to wash the clothes?"* Lanqas jaf meta kien iż-żmien li skond hu kien qed jgħix ma ommu qabel ma mar joqgħod Bugibba.[96]

Hawn jintwera kif Alfred Galea mhux kapaċi jwieġeb domandi sempliċi magħmulha mill-prosekuzzjoni kuntrarjamwent għal dawk li jistaqsieh l-abbli difensur. Anzi jibda jinqabad f' inkonistenzi fejn anke jiġi rinfaċċat bi tweġibiet kuntrarji w addiritura opposti li taha fil-kors tax-xiehda tiegħu fl-inkjesta.[97]

Fil-fatt fuq domandi tal-Qorti kif diversament preseduta, jikkonferma li **ibnu kellu l-kontroll** fuq il-bitħa fejn kienu jinżlu fiha żewgt iklieb. Jgħid li ommu kienet taf bihom għaliex meta kien ikun għandha ġieli niżlu.[98] Iżda meta l-Qorti turih li kien xehed bil-kontra quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, r-risposti tiegħu juruh bħala persuna bla kreddibilità w invertijier fejn kważi jasal jallega li l-Inkwirenti ivvintat ir-risposti!!

*"Qorti: And you said that Andre used to take care of the yard.*

*Xhud: Yes.*

.....

*Qorti: So he had control over the yard.*

*Xhud: Yes. On the yard yes.*

*Qorti: And the dogs used to come down to the yard.*

*Xhud: Two of the dogs yes. ..... My mother, she knows that there were the dogs there. There were two.*

*Qorti: How do you know that your mother knows?*

*Xhud: Because I used to be there sometimes.*

---

94 Fol.329
95 Fol.330
96 Fol.331
97 Vide Xiehda tiegħu a fol.61 et seq tal-Proċess Verbal
98 Fol.333

*Qorti: And sometimes while even you were there, the dogs were in the yard.*

*Xhud: Yes.*

........

*Qorti: When you testified in front of the Magistrate, you said a foglio 64 of the first volume of the Acts of the Inquiry. The Inquiring Magistrate said – were you ever present at your mother's house when the dogs came down to her yard? – and you said – no – and today you are telling me that sometimes you were there and that the dogs were roaming in the yard.*

*Xhud: Maybe I forgot. But they used to be when I lived there.*

.....

*Qorti: Ok.* ***You never encountered such an incident and you said – no, no, because to tell you the truth I am afraid of the dogs****.*

*Xhud: No, I didn't say that.*

*Qorti: You did not say that to the Magistrate.*

*Xhud: I did not say that. I can swear on my (...) I never said that. I am sorry I never said that.*
*Qorti: I am living these proceeding don't worry.*

*Xhud: I never said that.*

*Qorti: Are you sure? So the Inquiring Magistrate decided to*

*Xhud: I don't know.*

*Qorti: Now you are in the Court's hands.*

*Xhud: I never said that.*

*Qorti: And the Court is very legitimate in the way it conducts its questions. So you are saying that you did not say this to the Magistrate.*

*Xhud: I don't remember that I said that for sure. I don't remember.*
*Qorti: It is written down.*

*Difiża: Lets read it out for him Your Honour. So he can refresh his memory. Because he also gave an explanation why he is scared. So it doesnt make*

*Qorti: Ok. I said – did you say, no no non* ***because to tell you the truth I am scared of the dogs.***

*Xhud: I don't remember that I said that.*

*Qorti: And then you said –* ***when I was very very young I got bitten by a dog and I am always scared of them****.*

*Xhud: I don't remember that I said that. I used to go and see them sometimes. I don't remember that I said that.*

*Difiża: Do you have dogs yourself?*

*Xhud: No I don't have any now.*

*Difiża: Now?*

*Xhud: I had them before but I couldn't keep them because I have been in a garage. In a garage I live. And I couldn't keep them.*

*Qorti: So you are saying that for Andre to go downstairs where your mum used to live, he had access only when your mum was there to open the door.*

*Xhud: Yes.*

*Qorti: And you are sure about that?*

*Xhud: When he goes downstairs from the house he knocks on her door.*

*Qorti: So he would not go into his nanna's house unless she is there.*

*Xhud: He doesn't go in. He knocks on the door and he tells her Nanna it is me.*

*Qorti: Or from the front door knocking as well.*

*Xhud: I am saying from the front door.*

*.....*

*Difiża: Did he have keys of the outside door which you access from the road?*

*Xhud: No he didn't have.*
*Difiża: In order for Andre to get into the house, either the outside door had to be unlocked. Right? Or Ines had to be there to open for him and let him in.*

*Xhud: Yes.*

*......*

*Difiża: Today you said that you were and you told us that you knew that the dogs came into the yard. ..... Did you know because Andre told you? Or did you know because you saw the dogs?*

*Xhud: I saw the dogs.*

*Difiża: So, am I correct to understand that when the dogs were in the yard the aluminium door was always locked.*

*Xhud: Always locked.*

*Difiża: So you were never outside in the yard with the dogs.*

*Xhud: No.*

*.......*

*Qorti: Let me refresh a bit your memory now. Foglio 63 from the first volume of the Acts of the Inquiry.* ***The magistrate asked you this question. – and did you ever go to your son's place upstaris. And you said – yes sometimes.***

***Xhud: Sometimes.***

***Qorti: But much of the time I don't because I am scared of the dogs. I am very scared of the dogs.***

*Xhud: <u>I don't remember that I said that</u>.*

*Qorti: You don't remember that you said that to the Magistrate.*

*Xhud: I don't remember. ..... I don't remember that I said that. If I did say that, I don't know. But I don't remember.*

*Qorti: Lets say that you don't remember. I am asking you the question today.* ***Did you ever go to your son's place upstairs?***

*Xhud: Yes.*

*Qorti: That is what you answered that time in front of the magistrate. And you said – yes sometimes.*

*Xhud: Sometimes.*

*Qorti:* ***But much of the time I don't because I am scared of the dogs. I am very scared of the dogs. Did you say that or not?***

*Xhud: Believe me. I swear I don't remember. I can swear I don't remember I said that.*

*Qorti: But today can you tell us whether you're scared of the dogs. Yes or no?*

*Xhud: No.*

*Qorti: You are not scared of the dogs. Now the inquiring magistrate asked you, - for how long did Andre have these dogs? - And you answered this – the last four or five years. She always knows. She always knows about the dogs. And Andre – Nanna don't open the door. What is this all about?*

*Xhud: Always. Don't open up.*

*Qorti Why?*

*Xhud: Because the dogs is, she could be a stranger hux. Not to open the door.*

*Qorti: So did you hear Andre tell her something?*

*Xhud: A lot of time I heard.* ***Nanna don't open up the door because the dogs they don't know you.".***[99]

Ix-xiehda ta' Alfred Galea tkompli timmanifesta kif ommu sfat priġuneira f'darha, fejn biex tgawdi minn ftit arja friska kellha tħalli l-bieb ta' barra miftuħ bil-perikli għas-sigurtà tagħha li dan iġib miegħu:

*"Prosekutur: So you can confirm that the dogs had the liberty to go for fresh air in the yard but your mother, your beloved mother, God give her eternal rest. She couldn't go to the yard for fresh air.*

*Xhud: She had the front door always open.*

*Qorti: And she lived in a garage.*

*Xhud: Yes ............".*[100]

Għal darb' oħra ż-żelu tax-xhud sabiex jagħti stampa kuntrarja għas-sewwa, jwasslu biex jieħu gambetta oħra hekk kif tul ix-xiehda tiegħu dejjem saħaq kif biex ibnu kien imur għand nanntu, kien ikollu jħabbat biex tiftaħlu.
Mela ma kien xejn minnu mela li l-bieb kien ikun miftuħ jekk ibnu kellu jħabbtilha biex tiftaħlu:

*"Xhud: He used to go from the front door of the house and he used to go down and knock on her door. Downstairs"*[101];

[99] Fol.332-338
[100] Fol.340
[101] Fol.330

kif ukoll:

> *"Qorti: So you are saying that for Andre to go downstairs where your mum used to live, he had access only when your mum was there to open the door.*
>
> *Xhud: Yes.*
>
> *Qorti: And you are sure about that?*
>
> *Xhud: When he goes downstairs from the house he knocks on her door.*
>
> *Qorti: So he would not go into his nanna's house unless she is there.*
>
> *Xhud: He doesn't go in. He knocks on the door and he tells her Nanna it is me.*
>
> *Qorti: Or from the front door knocking as well.*
>
> *Xhud: I am saying from the front door.*
> *......*
>
> *Difiża: Is it correct that Andre only had access to Ines' house when Ines was there. Because Andre did not have the keys. Number one you told us that he did not have the keys of the aluminium door separating her house and the yard. Right?*
>
> *Xhud: Right.*
>
> *Difiża: Did he have keys of the outside door which you access from the road?*
>
> *Xhud: No he didn't have.*
> *Difiża: In order for Andre to get into the house, either the outside door had to be unlocked. Right? Or Ines had to be there to open for him and let him in.*
>
> *Xhud: Yes."*[102]

Il-gideb dak li jġib; taħwid w inkonsistenzi li jesponu l-karattru qarrieqi w nieqes minn kull uqija t' affidabilità ta' min ilissinhom. Il-falsità tat-testimonjanza tiegħu toħroġ aktar fid-deher meta jinqara dak li x-xhud iddepona quddiem l-Inkwirenti, ġimgħatejn wara s-sinistru.[103]

*Deposizzjoni ta' Alfred Galea fl-Inkjesta*

---

[102] Fol.335-336
[103] Fol.61 et seq tal-Proċess Verbal

Fl-inkjesta x-xhud stqarr li ibnu Andre kien viċin immens ta' nanntu, li ma ridtux jitlaq mid-dar sovrastanti. Kien beda jorqod hemm u kien iżur lill-nanntu kuljum. Semma kif hu ma kienx jidħol fid-dar t'ommu peress li kienet tgħid li ssib affarijiet nieqsa.[104] Jispjega li Andre kien jghid lill-nanntu sabiex ma tiftaħx il-bieb għaliex kien ilu madwar erba jew ħames snin iżomm klieb fir-residenza fejn kien jgħix ***"Nanna dont open the door"*** u ċioè l-bieb t'isfel fejn kienet tgħix.[105]

Jikkonferma li l-fond t'ommu kien bla dawl u kien anke pprova jsewwih kuġinuh, *"Andrei used to tell her and Andrei used to try to fix it but he used to tell her 'nanna, nanna I can't fix it because you have to bring a man'".*[106] Madanakollu jikkonferma li d-*distribution box* tinsab fil-fond ta' fuq[107] u għalhekk ommu ma kelliex aċċess għaliha.

Il-qorti tbagħti biex tifhem xi bżonn kien hemm sabiex jixhed li ibnu għadda l-*fuse* maqtugħ lill-ommu w tefa fuqha l-inkarigu biex dak il-*fuse* jinbidel meta hu stess jammetti li ommu ma kienitx toħroġ mid-dar. Iktar u iktar dan il-fuse kellu jinbiddel f'*disribution* box li kienet fil-fond sovrastanti fejn ommu ma kelliex aċċess għalih!!!

Tentattivi bħal dawn da parti tax-xhud biex jiskaġona lill-ibnu iwassluh jagħmel dikjarazzjonijiet li jirriżentaw ir-ridikolu!

Mistoqsi kienx jiffrekwenta r-residenza t'ibnu, bla tlaqliq iwieġeb, *"Yes, sometimes. Sometimes. But* ***much of the time I dont because I'm scared of the dogs. I'm very scared of the dogs".*** Dan <u>jikkontrasta bil-qawwa</u> max-xiehda tiegħu *viva voce* snin wara![108] Jerġa jtenni l-biża tiegħu mill-klieb meta mistoqsi jekk kienx ikun preżenti għand ommu meta l-klieb ikunu fil-bitħa, dlonk iwieġeb ***"No, no, no because to tell you the truth I'm scared of the dogs".***[109]

Isir emfasi kif ix-xhud kien jibza mill-klieb **t'ibnu** u mhux kellu xi biża ġenerali mill-klieb meta jiddikjara *"All the family has, <u>we have dogs</u>".* Ikompli jistqarr kif ibnu kien qed ibgħati minn dipressjoni w beda jorqod għandu għalkemm kien imur jara w jitma l-klieb kuljum.[110] Lejn tmiem id-deposizzjoni tiegħu quddiem l-Inkwirenti, jsemmi kif meta mietet oħtu, Andre talab lill-nanntu jgħix fil-fond

[104] Fol.62 tal-Proċess Verbal
[105] Fol.63 tal-Proċess Verbal
[106] Fol.64 tal-Proċess Verbal
[107] Fol.66 tal-Proċess Verbal
[108] Fol.63 tal-Proċess Verbal
[109] Fol.64 tal-Proċess Verbal
[110] Fol.65 tal-Proċess Verbal

sovrasstanti minflokha. Nanntu laqghatu bil-ferħ u talbitu jieħu ħsiebha ***"He told her 'of course I look after you'"!*** Għalkemm kienet taghmel kollox bil-mod, ommu kienet tiknes u taħsel il-platti wahedha *" She was very clean. She does things slowly".*[111]

L-imputat **Andre Galea** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda w beda biex jikkonferma l-istqarrijiet minnu rilaxxati fejn kien semma li l-klieb jafu jkun **aggressivi**.[112] Jispejga li *"Qatt ma kienu aggressivi imma* ***annimal territorial ħafna***. ***Jiġġifieri jekk tidħol fit-territorju tiegħu waqt li ma jkunx hemm sidu, jaf ikun naqra aggressiv. Għalhekk jgħidulhom tal-għassa il-klieb***.*"*[113] Biex jidħol għand nanntu kien jgħaddi mill-bieb ta' barra li jagħti għat-triq u jħabbtilha *"Għax in-nanna kienet tbghati naqra biex tisma"*[114], Ċwievet tal-bieb ta' barra tar-residenza ta' nanntu ma kellux u lanqas għal bieb tal-bitħa.[115] Jikkonferma li d-dar kienet ta' nanntu kollha kemm hi ***"Fil-verita, id-dar kollha tan-nanna kienet".***[116] Kien qed jgħix fiha flimkien ma tfajla iżda meta kien ikun għaddej minn żmien ħażin, biex ma jitħallix waħdu, kien imur ħdejn missieru.[117] Galea xehed li kellu tnax (12) il-kelb fuq il-bejt ta' razzez Pitbulls, AmStaffs u Bullies ta' bejn sena u sitt snin li kienu jinħarġu mill-*pens* tagħhom skond it-turn.[118] Kien hemm kelb ieħor fil-gallarija tal-kamra tas-sodda tiegħu, Tibetan Mastiff.[119] B'kollox kellu ħmistax (15) il-kelb.[120]

**Daniela Zammit**, ex-partner tal-imputat, xehdet kif għamlet ħames (5) snin tgħix fid-dar fuq it-terran tad-*decujus* liema dar kienu jaċċedu għaliha mill-bieb li jagħti għat-triq. Andre kellu klieb li kien iżommhom fil-*pens* fuq il-bejt kif ukoll lil Bullet u Chica li kienu jgħixu magħhom fid-dar bħala *pets*; dawn kienu jinżlu jaqdu l-bżonnijiet tagħhom fil-bitħa.[121]Tiddeskrivi l-klieb bħala ubbidjenti, ma kienux iħammġu ġewwa jew iqattgħu xi ħaga *"Aggression xejn, jiġifieri. Aggression qatt. Qatt ma kelna inċidenti".*[122] Fl-istess żmien li kienet qed tgħix l-Msida, Ines Galea tilfet lill-bintha w hi saret ta' wens għaliha. Kienet tmur tixtrilha w taħslilha xagħra u ħwejjiġha. Wara li telqet mill-Msida, ġarha

---

[111] Fol.68-69 tal-Proċess Verbal
[112] Fol.343
[113] Fol.344
[114] Ibid.
[115] Ibid.
[116] Ibid.
[117] Fol.347
[118] Fol.348
[119] Fol.351
[120] Fol.353
[121] Fol.355-357
[122] Fol.357

tagħha li toqgħod faċċata kienet tgħinha hi w taħslilha l-ħwejjeġ *"għax Ines ma kinitx tiflaħ titla turġien…minħabba l-eta tagħha."*[123]

**Aħseb u ara kemm tiflaħ tiżgiċċa minn żewġt iklieb!**

Hi w tispjega l-użu, jew aħjar dak li fi kliemha kien in-nuqqas t'użu tal-bieb tal-bitħa, Zammit tagħmel osservazzjonijiet li jimpinġu direttament fuq il-mertu ta' dawn il-proceduri w ċioè fuq il-prevedibilità o meno tal-periklu li l-presenza tal-klieb kienu jissoġġetaw lil Ines Galea għalih**:**

*"Xhud:* *Dak il-bieb kien qisu ma jeżistix. Ma kellhiex bżonn tużah u hekk. Kien dejjem ikun msakkar jiġifieri. Ma kellhiex bżonn.*

*Difiża:* *X'kontu tgħidulha lil Ines rigward dan il-bieb u l-annimali li kien iżomm Andre?*

*Xhud:* *Aħna dejjem konna ngħidulha, one,* ***minħabba l-eta kritika tagħha. Mara ta' 95 ċertu klieb ta' saħħa. Anke jekk jitilgħu miegħek jistgħu jeqilbuk. Konna nammonuha dejjem biex ma toħroġx. Ma kellhiex għalfejn toħroġ****.*

*Difiża:* *Semmejtilna ċavetta. Din iċ-ċavetta min kellu kopja tagħha, jekk xi ħadd kellu?*

*Xhud:* *Ħadd ma kellu. Hi biss. U kienet dejjem tkun imwaħħla mal-bieb ġos-serratura bi spaga.*

*Difiża:* *Jiġifieri in-nanna ma setgħetx toħroġ fil-bitħa, għedtilna inti. Qed nifhem allura li n-nanna kienet priġuniera fid-dar tagħha?*

*Xhud:* *Lanqas xejn. Ma kinitx priġuniera. Hi just ma kellhiex għalfejn toħroġ fil-bitħa. Ma kinitx tużaha l-bitħa, xejn. Kienet just hemmhekk. Kien hemm purtiera quddiem il-bieb. Meta forsi kienet tkun trid toħroġ kellha l-main door. Toħroġ bil-kelba tagħha kuljum. Toqgħod fuq il-parapett tagħha bil-kelba. Toqgħod għax-xemx. Ma kellhiex għalfejn fil-bitħa.....Kienet well taken care of.*[124]

.......

*Parte Civile:* *Inti għedtilna li ma kellhiex għalfejn toħroġ fil-bitħa. Jekk nissuġġerilek li waqt li kontu tkun qegħdin titkellmu, tkun tixtieq li toħroġ fil-bitħa, anke biex tonxor, dawn ix-xjuh jaħslu xi sarvetta jew xi ħaġa. Mhemmx xi ħasil kbir. Imma jħobbu jonxru. Dik għaliex inqatgħet ukoll?*

[123] Fol.358

[124] Fol.358-359

*Xhud:* *Ħa ngħidlek ħaġa. L-ewwelnett Ines kellha horse ġewwa. Kellha żiemel biex dawn is-sarvetta u hekk, ta' kuljum ngħidilhom jiena, tkun tista' tonxorhom. Imma l-load tal-ħwejjeġ jien kont nagħmilhielha.* ***Ines, saħħitha ma tantx kienet tajba.*** *Jiena kont nieħu ħsiebha kuljum. U l-ħwejjeġ tagħha meta kien ikollha bżonn, bojod, kuluri, suwed, naħsilhomlha ma' tagħna fuq u nonxrohom fuq.*[125]

.........

*Parte Civile:* *Issa. Inti lil Ines kont tissuġġerilha wkoll u tfakkarha biex ma tiftħux dak il-bieb.*

*Xhud:* ***Kuljum.".***[126]

In-Natura tal-Ġrieħi

**Dr. Eric Scerri** ikkonferma[127] ċ-ċertifikatazzjoni minnu magħmulha fuq Ines Maria Galea. Sabha *"without signs of life and ina pool of blood.* ***Part of her left lower leg***[128] ***and foot is missing. Blood is oozing out of her face****".*[129] Jingħad ukoll kif saba *"lying face down…the left side of the face is toucing the ground".*[130]

Ir-rapport tal-patoloġisti, **Dr. Safraz Ali u Dr. Tiffany Buhagiar**, joffri stampa mill-aktar makabra ta' l-aħħar mumenti ta' din ix-xwejħa. M'hemmx l-iċken dubbju li Ines Galea soffriet tbgħatija kbira hekk kif kienet qed tiġi migduma w mqatta' mill-klieb tan-neputi tant għażiż għaliha. Ma kienx hemm parti minn dal-ġisem hekk dgħajjef li ħelisha mil-attakk salvaġġ u feroċi li dawn il-klieb infexxew fih; bil-ġrieħi jestendu fuq rasha, ghonqa, widnejja, huġbejha, wiċċha taħt imnieħirha, moħħha, saqajha u riġlejha![131]

Jikkonkludu hekk fir-rapport minn taghhom fejn ir-ritratti tal-awtopsja ikomplu juru t-tbghatija w dulur li kellha ssofri din ix-xwejħa:

> *"The cause of death in this lady is certified as being due to hypovolaemic shock secondary to severe external trauma the morphology of which is consistent with animal bite. This is conistent with the clinical history provided of dog bites".*[132]

---

[125] Fol.359-360
[126] Fol.360
[127] Fol.41
[128] *".. n-naha ta' parti mir-riġel tax-xellug...kien nieqes"* a fol.42
[129] **Dok.CS4** a fol.28
[130] Ibid.
[131] **Dok.TBAS** a fol.118-119
[132] Fol.121

Il-**Patoloġista Dr. Safraz Ali** *viva voce* ikkonferma dawk il-konkluzzjonijiet.[133]

L-espert mediku forensiku **Dr. Mario Scerri** kkonferma r-relazzjoni minn tiegħu preżentat fl-inkjesta.[134] Permezz tar-rapport minn tiegħu w senjatament mir-ritratti hemm esebiti,[135] ikompli jimmanifesta l-intensità tal-attakk kiefer li sfat soġġetta għalih Ines Galea fejn kellha issofri tant uġigħ, kefrija w biża fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha fuq din l-art meta sfat torturata w mbiċċra ġo darha kawża tal-ġenerożità tagħha mal-imputat.

L-espert mediku forensiku jikkonkludi li:

> *"3. Illi fuq il- locus fejn kien hemm il- kadavru ma kienx hemm taqlib u fil- bitha kien hemm il- kadavru li kien f' ghadira demm;*
>
> *4. Illi dan id- demm hareg mill- gdim estensiv illi Galea garrbet;*
>
> *5. Illi dan id- demm estensiv jindika illi* ***waqt l- allegat aggressjoni fuq Galea, Galea kienet hajja b' cirkolazzjoni tad- demm attiva;***
>
> *6. Illi l- lezjonijiet kollha deskritti fuq il- kadavru kienu kompatibbli ma' gdim ta' klieb u grif bid- dwiefer tal- klieb;*
>
> *7. Illi mill- evidenza ta' rigor mortis li kien prezenti fil- muskoli z- zghar tas- swaba tal- idejn tal- kadavru, jidher illi Galea kienet ilha mejta madwar saghtejn mill- hin tal- ezami medikolegali;*
>
> *8. Illi hypostasis ma kienx prezenti ghar- raguni illi Galea tilfet hafna demm;*
>
> *9. Illi l- kawza tal- mewt ta' Galea li kienet kagunata minn hypovolemic shock u* ***gdim estensiv*** *kienet relatata direttament ma' din l-aggressjoni msmemmija."*[136]

---

[133] Fol.67. Relazzjoni **Dok.TBAS** a fol. 118 et seq tal-Proces Verbal
[134] Fol.210-211. Vide Rapport **Dok.MS** a fol.73 et seq tal-Proċess Verbal.
[135] **Dok.MS** a fol.73 et seq
[136] Fol.114-115

## Ġurisprudenza

Fil-proċediment **Il-Pulizija vs. Norbert Grixti,** il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel f'każ li kien jittratta offiżi involontarji fuq il-persuna, iżda fejn il-prinċipji hemm enunċjati jsibu applikazzjoni anke f'każ ta' omiċidju involontarju:[137]

> Illi b'riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gatt** (Numru 209/2019), liema sentenza għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech** (per Imħallef V. De Gaetano) li ġiet mogħtija fil-21 ta' Marzu 1996 fejn ingħad hekk:
>
> "jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta."
>
> Illi sentenza oħra li kkunsidrat l-elementi ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (liema artikolu għandu x'jaqsam ma' Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** (per Imħallef Dr. J. Flores) li ġiet mogħtija fl-4 ta' Frar 1961 fejn ingħad hekk:
>
> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodiċi Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew nuqqas ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – <u>li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involontarju</u>.
>
> Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, ċioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali; kriterju dan li, filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret. *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione"* (**Giorgi**, Teoria delle Obbligazioni, II 27. P.46)." [emfażi miżjuda]
>
> Illi minn naħa l-oħra fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020 flismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Cortis** (Numru 317/2017), din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għal sentenza oħra u qalet hekk:

[137] Per Onor Imħallef Dr. Neville Camilleri. Seduta 13 ta' Lulju, 2023. Appell Numru 606/2016/1

"Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Mustafa Gohar** il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar l-20 ta' Novembru 2004 kienet stqarret is-segwenti:-

"[...]

Meta si tratta ta' *colpa* huwa mportanti li jiġu ppruvat in-*nexus* li għandu jeżisti bejn l-att u rriżultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirriżulta *chain of causation* bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti li jista' jirriżulta *culpa*. Kif ġie deċiż nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Salvatore Camilleri** per Imħallef Harding li: *"Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist." Fil-fatt ikompli jgħid: "The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession* <u>*but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*</u>*""* [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** et sar eżami approfondit tad-dottrina u ġurisprudenza fuq dan issuġġett u ntqal hekk:

"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attivita' dirett għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippregudikati linteressi ta' terzi. [...]

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u nonosservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u diskortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali, ċioè, kif jgħid il-**Manzini**: *"inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorità' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi, ċioè, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni [...].

Taħt dawn il-forom ta' kondotta kolpuża sia minħabba imprudenza, negliġenza, u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa' essenzjali taħt kull forma ta' kulpa, iżda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuża, iżda għandha gradi differenti f'kull każ ta' imprudenza, negliġenza u imperizja, mentre hija preżunta fil-forma l-oħra fejn si tratta ta' reati minħabba non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-aġent li jressaq prova għal kuntrarju. Hija hawnhekk **preżunzjoni assoluta**. Ma jistgħax l-aġent jgħid li dak l-event dannuż li ġara minħabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tiegħu ta' xi regolament ma kienx wieħed prevedibbli għalih. Kif jgħidu diversi awturi, dan hu każ fejn dan l-element tal-**prevedibilita' tal-leġislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-aġent.** Hu preċiżament għalhekk li kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta

volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li **seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali**."

Kif jispjega l-ġurista Taljan **Francesco Antolisei** (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323): biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għall-konsegwenzi dannużi lil terzi. Il-komuni jew l-esperjenza teknika, ċioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik lesperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari, tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati.

Fil-fatt jgħid hekk:

*"Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate.*

*L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, é la conseguenza caratteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) Nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."* [Emfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri** iddikjarat:[138]

In succint fuq skorta ta' awturi u ġurisprudenza, t-trepod tal-kolpa ġie definit bħala:

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3. la possibilita di prevedere.*[139]

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminologija culpa, għalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)".[140][sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

138 Per Onor Imħallef Dr. Edwina Grima, Seduta 28.02.2018; Appeal No.89/2017

139 **Carrara, Parte Generale, Vol.I**

140 **Il-Pulizija v Leonard Grech** Qorti tal-Appell Kriminali, Seduta 5 ta' Settembru, 1990

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist **Francesco Carrara** jgħid hekk dwar il-culpa, *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tiegħu, jgħid hekk: *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".* [Emfasi ta' din il-Qorti]

L-**Antolisei**, iżda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara[141] u t-tejorija tal-prevedibbilita' ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché **il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.**"* [Emfasi ta' din il-Qorti]

Awturi ohra bhal **Mantovani** u il-**Padovani** jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

*"1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
*2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
*3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
*4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso."*[142]

**Brusa** jikteb hekk dwar it-teorija tal-prevedibbilità:[143]

La ommissione volontaria della diliġenza necessaria per preveder e prevenire un evento penalmente antigiuridico, possibile, prevedibilie e prevenibile.

---

141 Fil-**Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)** jikteb:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta oriġini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibbilità del risultato non voluto."*

Imbagħad b'riferenza ghal **Carrara** jżid:

*"Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria ommissione di diliġenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del propio fatto [§80; **Programma Del Corso Di Diritto Criminale, Parte Generale**, Vol.I]. Dicesi conseguenza prevedibile, perche l'essenza della colpa sta nella prevedibbilità."*

142 https://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

143 **Saggio di una dottrina generale del reato** (1884), p.90

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Sammut** il-Qorti tal-Appell eżaminat *funditus* in-nozjoni tal-*culpa*:[144]

> Issa, ghalkemm din l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklux mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu, ma jistax pero` jinghad li ghax xi hadd messu ragjonevolment kif[145] jaf xi haga allura necessarjament isegwi li dak li jkun kien jaf dik ix-xi haga. Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) ġie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> **"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri <u>m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att</u>. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tiegħu *The Criminal Law of Scotland*[146] :**
>
> **""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[147]**
>
> **"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[148]u li għalhekk hu tista' tgħid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jgħid hekk:**
>
> **""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But <u>if the accused</u>**

[144] S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano; Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009; Appell Kriminali Numru. 192/2008

[145] *Recte* "kien"

[146] W. Green and Son Ltd. (Edinburgh), 1978

[147] Para. 7.28, pp. 232-233.

[148] Para. 7.45, p. 241; *"...negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."*

**<u>can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen</u> it. As Hall[149] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting <u>the degree of the carelessness</u> of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[150]**

Ara wkoll f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**.
[Sottolinjear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech,** ċitata mill-abbli difiża, dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-każ konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-każ konkret ….

Id-diliġenza o meno ser tiġi trattata hekk kif aktar il-quddiem jiġu kunsidrati r-riżultanzi proċesswali in kwantu għall-għemil tal-imputat u l-konsegwenzi prevedibbli ta; dak l-għemil.

---

149 **Hall, J., General Principles of Criminal Law** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.
150 **Gerald Gordon**, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

Il-**Professur Anthony Mamo** jgħallem hekk dwar id-diliġenza rikjesta fil-kamp kriminali:

> The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."”[151]

*Duty of Care*

Abbinat ma dan il-kunċett ta' prevedibbilità, fil-każ odjern, jemerġi dover li kien jinkombi fuq Andre Galea, li konsegwentement jirrendi ferm aktar serju l-kondotta imprudenti w traskurata tiegħu.

Fuq dan il-kunċett legali inkiteb ħafna iżda ċertament fost it-tagħlim saljenti insibu l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri **Concetta Decelis u Jason Decelis v. Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et:**[152]

> Skont l-appellanti l-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-każ applikat il-kuncett ta' *duty of care* meta fil-fatt dan il-kuncett huwa estraneju ghad-dritt Malti.
>
> Illi minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax pero` li l-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-fatt iddecidew li skont il-Kodici Kriminali l-appellanti kellhom *a legal duty of care* lejn Rachel Bowdler. Il-principju legali huwa li persuna ma tistax tinsab hatja kriminalment ghall-atti ta' ommissjoni, imma tista' tkun hekk responsabbili meta jkun hemm 'a duty of care'. Meta l-Qorti Kriminali ezaminat il-fatti tal-każ u l-ligi li fuqha l-appellanti gew akkuzati hi sabet li ghalkemm l-appellanti ma kellhomx *a legal duty of care* huma minn rajhom assumew dak l-obbligu u ghalhekk la darba huma assumew dak id-*duty of care*, allura l-agir taghhom kien suggett ghal-ligi kriminali.
>
> L-istess haga ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali. Ma kienx każ li l-ligi obbligat lill-appellanti li jiehdu hsieb Rachel Bowdler, imma kienu huma stess li assumew dak l-obbligu. F'dak il-lejl Rachel Bowdler kienet taht il-kontroll taghhom u kienet tiddependi kompletament u esklussivament fuqhom. Izda minhabba l-interessi taghhom l-appellanti hallewha bla assistenza medika apposita sakemm mietet. Dan ma kienx każ ta' *ommissione di soccorso*, lanqas ma kien każ ta' zball jew ta' negligenza imma ta' decizjoni konxja ta' dak li riedu jaghmlu u cioe` li ma jsejhux ghall-assistenza medika biex ma jigux involuti mill-gdid mal-pulizija.

---

[151] **Lectures in Criminal Law** (First Year), p. 71.

[152] Per Onor. Imħallef l-Aġent President Geoffrey Valenzia, Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u Onor. Imħallef Tonio Mallia; Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011; Appell Ċivili Numru. 3/2009/1

> Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Qorti tal-Appell Kriminali ma dahhlet ebda kuncett estraneu ta' *duty of care* fil-ligi taghna.
>
> L-appellanti inoltre jikkontendu illi anke kieku dan il-kuncett ta' *duty of care* kien applikabbili u legalment fondat, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali estendiet l-applikazzjoni ta' dan il-kuncett, mill-kamp ta' *manslaughter* ossija omicidju involontarju ghall-kamp tal-omicidju volontarju u dan kien jammonta ghal interpretazzjoni estensiva u wiesa.
>
> Kif gia` nghad, f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali ma holqot ebda reat gdid ta' omicidju volontarju a bazi ta' nuqqas t'osservanza tad-*duty of care.* Lanqas ma introduciet b'analogija mil-Ligi Ingliza l-kuncett li wassal ghal *manslaughter* taht il-Ligi Maltija. Illi meta l-Qorti kkunsidrat li l-appellanti assumew *id-duty of care* ma jfissirx li dan l-obbligu jaqa' biss fl-isfera tal-involontarju, billi d-*duty of care* li assumew jigi nieqes kemm fejn ikun hemm negligenza, u aktar u aktar fejn ikun hemm 'recklessness' jew 'indifferenza' ghal konsegwenzi u dan billi din l-indifferenza hija appuntu l-oppost tad-*duty of care*. Ghalhekk wiehed ma jibqax jitkellem dwar kulpa imma dwar dolo[153] kif spjegat fit-tieni forma tal-Artikolu 211 tal-Kap. 9….. [sottolinejar tal-Qorti]

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis, Concetta Decelis, Jason Louis Paul Decelis** ingħad: [154]

> Issa, ma tidher li hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li s-sejbien ta' htija f'dan il-każ hija ta' omicidju volontarju *per via di* ommissjoni taht it-tieni forma kontemplata fl-artikolu 211 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` fejn l-intenzjoni hi dik li tqieghed il-hajja ta' persuna f'perikolu car, dik l-intenzjoni li nirreferu ghaliha bhala intenzjoni pozittiva indiretta. Bhalma jghid il-Prof. Sir Anthony Mamo[155]: *"The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensue or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill."* U bhalma jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu **The Criminal Law of Scotland** fil-kuntest tal-kuncett ta' *"recklessness"* (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[156] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta[157]):
>
> ……
>
> Biex jaslu ghall-konkluzjoni li hawn si trattava ta' omicidju volontarju, il-gurati kellhom ikunu konvinti moralment li (1) jew l-appellanti rat il-mewt bhala konsegwenza ta' ghemilha u riedet dik il-mewt ta' Bowdler, jew (2) li hija rat il-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilha u ghalkemm ma riditx il-mewt hija xorta wahda ommettiet milli taghmel dawk l-atti li kienet taf li probabbilment kienu ser jiskansaw lil Bowdler mill-mewt.

---

[153] Fil-każ tal-**Conti Ugolino**, (li għalih saret referenza fir-rikors tal-appell) kien hemm *legal duty to care*, u nonostante dan instab ħati ta' omiċidju volontarju u mhux involontarju

[154] Per STO Prim Imħallef Vincent De Geatano, Onor Imħallef David Scicluna, Onor Imħallef Joseph R. Micallef ; Deċiża 25 ta' Settembru 2008.

[155] Notes on Criminal Law, p. 221.

[156] 6 Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

[157] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**, 8 ta' Lulju 2004.

Kif diga` nghad, il-kwistjoni hawn kienet jekk l-appellanti kellhiex l-intenzjoni pozittiva indiretta mehtiega skond it-tieni forma ta' omicidju volontarju.

Jirrizulta mill-provi l-ewwelnett li l-appellanti volontarjament assumiet *"a duty of care"* ta' Rachel Bowdler…..

Jigifieri certament il-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu mhux biss li l-appellanti kienet volontarjament assumiet *a duty of care* izda wkoll li volontarjament ommettiet milli ssejjah ghajnuna medika nonostante li l-kondizzjoni ta' Rachel Bowdler kienet tidher aghar minn dik li kien ikun fiha t-tifel taghha……..

Mela aktar u aktar l-appellanti ma jmissha qatt iddecidiet li tiehu f'idejha r-responsabbilta` ghall-kura ta' Rachel Bowdler u kien indikat li ssejjah l-ghajnuna medika sabiex tezimi ruhha minn kull responsabbilta`……

Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jinghad mill-awturi Timothy H. Jones u Michael G. A. Christie fil-ktieb taghhom **Criminal Law** mis-serje **Greens Concise Scots Law**[158] dwar il-kuncett ta' *duty of care* jew *duty to act*:

*"There are also instances where the common law would probably impose a duty to act. This will be the case where an individual has undertaken to do something upon which the health and safety of others depends. Examples of this are the cases of **William Hardie**, where a charge of culpable homicide brought against an Inspector of Poor who had ignored the deceased's application for poor relief was held to be relevant, and an English case, **R. v. Instan**, where a fatal omission by a niece to provide food and medical attention for her invalid aunt resulted in a manslaughter (equivalent to culpable homicide) conviction. The crimes in these two examples were committed by failing to fulfil a legal duty. In **William Hardie** the legal duty was derived from a contract. The failure to act was not just a breach of contract with his employer, however, but provided the basis for a conviction: the duty of care also extended to members of the public he was paid to protect. In **Instan** the duty had been assumed voluntarily. This would seem to imply that if someone agreed to look after a neighbour's child and the child drowned in the bath while that child-minder was watching television, then a conviction for culpable homicide could ensue. This scenario could be analysed either in terms of a voluntary assumption of a duty of care or of a contractual obligation."*

U f' **Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw[159]:

*"If a person voluntarily undertakes to care for another who is unable to care for himself as a result of age, illness or other infirmity, he may thereby incur a duty to discharge that undertaking, at least until such time as he hands it over to someone else. In **Instan** [1893] 1 QB 450, D lived with her aunt, who was suddenly taken ill with gangrene in her leg and became unable either to feed herself or to call for help. D did not give her any food, nor did she call for medical help, even though she remained in the house and continued to eat her aunt's food. She was convicted of manslaughter. The principle laid down in **Instan** was applied and extended in **Stone** [1977] QB 354. Stone's sister, Fanny, came to live with him and his mistress, Dobinson. Fanny was suffering from anorexia, but was initially able to look after herself. Gradually, however, her condition deteriorated, until she became bed-ridden. She needed medical help, but none was summoned*

[158] **W. Green/Sweet & Maxwell**, Edinburgh 1996, p. 46.
[159] Para. A1.14 p. 9.

*and she eventually died in squalor, covered in bed sores and filth. Stone and Dobinson were each convicted of her manslaughter and the Court of Appeal upheld their convictions.* ***Because they had taken Fanny into their home, they had assumed a duty of care for her and had been grossly negligent in the performance of that duty.***

*The fact that Fanny was Stone's sister was merely incidental to this."*
[sottolinejar u emfazi tal-Qorti]

Imbaghad f'**Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2006**[160] jinghad dwar id-*duty of care*:

*"The duty of care belongs more to the fields of contract and tort than to this work. However, the following should be noted.*

*"(a) It is in general for the judge to decide whether there is evidence capable of giving rise to a duty of care, and, if there is, it is for the judge to give the jury appropriate directions, but it is for the jury to decide, in the light of those directions, whether the defendant in fact owed the deceased a duty of care; but there might be exceptional cases where a duty of care obviously existed, as between doctor and patient or where Parliament had imposed a statutory duty, and, in such cases, the judge could properly direct the jury as to the existence of the duty:* ***R. v. Willoughby*** *[2005] 1 Cr.App.R. 29, CA. See also* ***R. v. Khan and Khan, ante****, and* ***R. v. Sinclair****, 148 N.L.J. 1353, CA (978400/2/4 Yf).*

*"(b) A person may become liable for manslaughter by neglect of a positive duty arising from the nature of his occupation:* ***R. v. Lowe*** *(1850) 3 C. & K. 123 (an engineer in charge of the lift in a mine left it in the care of an ignorant boy);* ***R. v. Markus*** *(1864) 4 F. & F. 356 (a doctor absenting himself for the purpose of sport or some similar activity left unattended a patient whom he knew to be in a precarious condition);* ***R. v. Curtis*** *(1885) 15 Cox 746 (a local authority officer neglected to provide medical assistance to a destitute person). To hold that a person who supplied controlled drugs to another, owed the other a duty of care when the other, having consumed the drugs in his presence, was in obvious need of medical attention, would undoubtedly enlarge the class of persons to whom a duty of care was owed:* ***R. v. Khan and Khan, ante. Cf. R. v. Sinclair, ante****: whilst there is no authority holding that a medically unqualified person is under a duty to render assistance to a stranger or could come under such duty by virtue of the passage of time, a person who had been instrumental in his friend obtaining a fatal overdose of drugs, and who remained with him throughout the period of unconsciousness might come under such duty; and* ***R. v. Ruffell*** *[2003] 2 Cr.App.R.(S.) 53, CA: where the appellant, an experienced drug user, and the deceased, a friend who had been clean for some time, went to the appellant's family home, after an evening's drinking and there injected themselves with heroin, following which the deceased became ill, whereupon the appellant took steps to revive him, it had been open to the jury to find that the appellant had assumed a duty of care towards the deceased."……*

*Minn dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li ghalkemm certament l-appellanti ma riditx il-mewt ta' Rachel Bowdler hija kienet reckless dwar il-konsegwenzi ta' l-agir taghha, ossia l-ommissjoni voluta taghha li ssejjah minnufih l-ghajnuna medika bir-riskju rejali li dik l-ommissjoni taghha kienet twassal ghall-mewt ta' Bowdler, u dan ghall-motiv li ma riditx lil binha jerga' jkollu problemi mal-gustizzja…..*

160 p.1799 -1800, para. 19-111.

Ghalkemm huwa minnu li l-ligi kriminali ma tipprovdix testwalment ghal dak li huwa msejjah *a duty of care*, minn dak li ntqal qabel meta kien qieghed jigi trattat ir-rikors ta' Concetta Decelis u mis-siltiet citati aktar 'il fuq minn awturi esteri, m'hemm l-ebda dubju li l-ewwel Qorti korrettement interpretat in-nuqqas volontarju ta' persuna li ghandha *a duty of care* li tipprovdi l-kura, ossia l-ghajnuna, rikjesta u liema nuqqas iwassal ghall-mewt ta' persuna, bhala nuqqas li jista' jkollu konsegwenzi penali.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi rizultanti mill-provi u fid-dawl ta' dak li ntqal aktar qabel, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li l-appellant Jason Decelis kien ukoll assuma *a duty of care*. [sottolinejar tal-Qorti]

Illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Sergii Nykytiuk**[161] l-akkużat kien instab ħati t'omiċidju volontarju meta naqas milli jipprovdi għajnuna, lill-martu li kienet waqgħet ġox-*shaft* tad-dar matrimonjali. Il-prosekuzzjoni argumentat b'suċċess li l-akkużat naqas milli jipprovdi id-*duty of care* dovut lil Liudmyla Nykktiuk liema obbligu kien naxxenti mir-relazzjoni tagħhom ta' miżżewġin. **Sergii Nykytiuk** instab ħati li abbanduna lil martu fil-qiegħ nett ta' dan ix-xaft u ħallieha hemm waħidha fejn wara siegħat twal tbagħti b'uġiegħ kbir kawża tal-feriti li ġarrbet, mietet.

Il-ħsieb wara d-dispożizzjonijiet fuq l-artikoli li jissanzjonaw aġir involontarju ġew trattati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija vs **Kevin Bonnici et:**[162]

46. Illi permezz tal-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi, il-leġislatur kellu f'moħħu li jipproteġi l-ħajja u l-inkolumita' tal-persuni minn kondotta volontarja, negliġenti, liema negliġenza tkun tikkonsisti 'f' nuqqas ta' ħsieb' (imprudenza), 'traskuraġni', 'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tal-aġent tar-reat (imperizja) jew 'f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti'. Illi l-Liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' xi tfisser meta tirrferi għal 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni', iżda huwa ċar li hawnhekk il-Leġislatur qiegħed jirreferi għal sitwazzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ħsieb u ta' diżattenzjoni f'kuntest fejn wieħed ikun rikjest jew ikun pretiż minnu li jadopera ċertu kawteli. F'dan ir-rigward il-Professur Mamo fil-Lectures in Criminal Law jgħid hekk:

> it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.

……

48. L-iskola tal-ħsieb tradizzjonali kontinentali tiffoka fuq il-karattru soġġettiv tan-negliġenza, fis-sens li tqis in-negliġenza bħala fattur soġġettiv, ossija stat mentali partikolari, li fih persuna ma tkunx attenta, iffukata, prudenti jew viġilanti fl-atti li twettaq. Minħabba dan l-istat mentali partikolari dik il-persuna tonqos milli tara sew in-natura tal-atti li twettaq, taċ-ċirkostanzi li fihom dawk l-atti jiġu magħmula jew il-konsegwenzi li jitnisslu minnhom iżda li dik il-persuna kienet tkun f'qagħda li tara sew in-natura, ċirkostanzi u konsegwenzi ta dawk l-atti tagħha li kieku kienet

[161] Per Onor. Imħallef Michael Mallia; 26 t'Ottubru, 2011
[162] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Seduta 27 t'Ottubru 2022; Appell numru 387/2009

attenta, iffukata, prudenti jew viġilanti fit-twettieq tal-atti tagħha. F'din l-iskola tal-ħsieb allura l-qofol tan-negliġenza jistrieħ fuq il-fatt li l-persuna setgħet tara bil-quddiem (allura l-possibilita li tipprevedi) in-natura, ċirkostanzi u konsegwenzi tal-atti magħmulin minnha, iżda minħabba dak l-istat mentali li kienet tinsab fih dan ma tkunx għamlitu.

49. Skola ta' ħsieb oħra pero ma tqisx li n-negliġenza hija kwistjoni ta' natura soġġettiva, iżda għal kuntrarju, tqisha bħala materja ta' natura oġġettiva, li allura mhix bażata fuq xi stat mentali partikolari, iżda fejn in-negliġenza tkun riflessa f'kondotta speċifika u partikolari tal-persuna taħt eżami. In-negliġenza, għal din l-iskola tal-ħsieb, tirrifletti ruħha fil-fatt li fl-imġieba tagħha dik il-persuna tonqos milli tieħu ċerti prekawzjonijiet mistennija minnha biex ma ssirx ħsara lil dawn il-persuni jew li bħala persuna li tgħix qalb persuni oħra twettaq għemil li jista' jkun partikolarment perikoluż. Allura f'dan il-kurrent ta' ħsieb jekk tiġi stabbilita rabta diretta bejn din it-tip ta' mġieba u l-eventwali ħsara lil terzi b'riżultat ta' dik l-imġieba, il-persuna li tkun wetqet dak l-att titqies penalment responsabbli għall-imġieba kolpuża tagħha. F'dan il-kurrent tal-ħsieb għalhekk ir-responsabbilta' kriminali kostitwenti l-kolpuż ma tistrieħx fuq il-prevedibbilita tal-event dannuż mill-awtur tal-fatt, iżda tissejjes fuq il-fatt innifsu tal-imġieba speċifika tal-awtur ossija l-fatt li l-awtur tal-fatt ikun aġixxa bil-mod traskurat jew imprudenti kif previst mill-Liġi.

50. Il-Liġi Maltija għażlet li ma tatix tifsira legali lit-terminu "negliġenza". Għażlet li tirrendi ċerti atti jew imġieba speċifika bħala passibbli kriminalment jekk imwetqa b'mod "negliġenti". Il-ġurisprudenza minn naħa tagħha qieset in-"negliġenza" bħala dik l-assenza ta' kura u prekawzjonijiet li persuna ordinarja tkun mistennija li tieħu meta twettaq atti volontarji speċifiċi. Il-Liġi tippreskrivi ċirkostanzi, atti, imġieba jew stati mentali li għandhom jitqiesu negliġenti meta jivverifikaw ruħhom. Hekk, per eżempju l-artikoli 225 jew 328 tal-Kodiċi Kriminali jimmanifestaw il-kunċett tan-negliġenza fit-twettieq ta' mġieba speċifika volontarja li tkun magħmula b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

51. Il-Liġi Maltija tinkludi fl-ambitu tat-tifsira tan-negliġenza kemm atti omissivi partikolari (ad eżempju nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti) kif ukoll stati mentali speċifiċi (nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni) u li jridu allura jkunu segwiti b'event dannuż. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li xi wieħed jew iżjed minn din l-imġieba jew dawn l-istati mentali partikolari jkunu jeżistu biex jikkwalifikaw bħala negliġenti l-att volutament imwettaq mill-awtur tiegħu u li jikkawża l-event dannuż.

52. Il-ġurisprudenza maġġoritarja Maltija tisħaq fuq il-ħtieġa li biex jitqies integrat ir-reat kolpuż trid tirriżulta l-prevedibbilita tal-event dannuż da parti tal-awtur tal-att inkriminat. Fil-każ tar-reat kolpuż, l-awtur tal-att ma jkunx irid li jwettaq l-event dannuż; jew li bl-att tiegħu iseħħ l-event dannuż. Iżda jrid jirriżulta li huwa setgħa jipprevedi dak l-event dannuż bħala konsegwenza tal-att imwettaq minnu (kieku kien moħħu hemm u attent fit-twettieq tal-att tiegħu). Il-Qorti trid tistabbilixxi l-possibilita li l-awtur jara bil-quddiem l-event dannuż li huwa wettaq bl-att tiegħu, anke jekk ma riedx li dan l-event dannuż iseħħ. L-awtur tal-att jitqies li kien negliġenti meta huwa jonqos milli jipprevedi dak l-event dannuż fejn dak l-istess event dannuż kien prevedibbli minnu (li kieku kien moħħu hemm, attent fl-għemilu, prudenti, viġilanti eċċetra).
….

55. Aspett ieħor tal-prevedibilita ġie analizzat minn lenti dottrinali partikolari fl-appell kriminali **Saverina sive Rini Borg** appena ċitat fejn il-Qorti fissret kif huwa propju l-element tal-prevedibbilita' li jiddistingwi l-kolpuż mid-doluż u għalhekk isir ċentrali li jiġi eżaminat l-istat mentali tal-aġent tar-reat sabiex issir din id-distinzjoni:

Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' ta' l-event dannuż li kondotta llegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejħa colpa incosciente a differenza minn dik l-imsejħa colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut.

56. Il-Qorti kompliet tispjega kif għalkemm l-element ta' prevedibbilita' għandu jkun preżenti f'kull waħda mill-forom tal-aġir kolpuż (imprudenza, imperizja u negliġenza), madanakollu l-element tal-prevedibilita jista' jimmanifesta ruħu f'forom differenti:

Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temerġi meta fil-kondotta ta' l-aġent hemm l-element tan-negliġenza, imprudenza, imperizja, jew nuqqas ta' tħaris ta' dritt. Il-kulpa l-oħra (cosciente) tirriżulta meta quddiem il-kondotta tal-aġent, l-akkadut dannuż bħala konsegwenza għal dik il-kondotta jidher possibbli u b'dana kollu, hu xorta wettaq dak l-aġir tiegħu bl-isperanza li dak li possibbli jiġri, fil-fatt ma jiġrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) għalhekk hi forma aktar gravi mill-kulpa normali (incosciente) ċjoe' dik tal-prevedibbli u mhux prevvist u dan għaliex fil-każ tal-colpa cosciente, dik tal-prevvist, hija viċin ħafna ta' u tikkonfina mad-doluż, il-volut.

57. Il-kejl li bih il-Qorti tkun trid tistħarreġ dan il-grad ta' prevedibbilita tal-event dannuż, u allura jekk u safejn l-awtur tal-att setgħax, messux u kellux jara bil-quddiem dak l-event dannuż, ippresta ruħu wkoll għal dibattitu dottrinali u ġurisprudenzjali, b'veduti diversi. Jeżistu żewġ teoriji:

(a) dik oġġettiva li tibbaża t-test tal-prevedibilita' fuq il-perspettiva tal-bonus paterfamilas u ċjoe' ta' persuna ta' sagaċja ordinarja; u
(b) dik soġġettiva li tenfasizza l-istat mentali tal-awtur tar-reat fil-mument li jagħmel l-att li wassal għall-event dannuż f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li jkun jinstab fihom. ......

Inotre, il-ġurisprudenza Maltija teħtieġ ukoll li jiġi pruvat li jkun hemm dik ir-rabta diretta kawżali bejn l-aġir negliġenti u l-event dannuż. B'hekk jekk l-agir negliġenti imputat lill-awtur tal-att ma jkunx kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, huwa ma jkunx jista' jitqies penalment responsabbli. **Kawża prossima u effettiva tal-event dannuż ma tfissirx li trid tkun unika**. Iġifieri jista' jkun hemm diversi kawżi li jwasslu għal event dannuż u li jistgħu wkoll ikunu attribwibbli għal atti mwetqa minn diversi persuni. Dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit li l-att kien tali li jista' jitqies kawża prossima u effettiva tal-event dannuż – anke jekk ma tkunx il-kawża prinċipali jew unika tal-event dannuż. Bosta drabi jiġri li event dannuż ikun ir-riżultat ta' diversi atti kommissivi jew omissivi attribwibbli lil iżjed minn persuna waħda u li bħala riżultat tal-kontribuzzjoni kumulattiva tagħhom kollha flimkien jiddeġeneraw f'event dannuż.

62. Għalhekk il-fatt li l-event dannuż ikun riżultat ta' pluralita ta' atti kommissivi jew omissivi ta' persuni differenti ma jeħilsux mir-responsabilita penali lil dak l-awtur ta' att li jirriżulta formanti parti minn dik il-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż. Semmai kull wieħed minn dawk l-awturi ta' atti singoli varji kontributorji, b'effetto domino li jiddeġenera fil-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, ikun irid jirrispondi għall-att kommissiv jew omissiv tiegħu. Ir-responsabilita penali ta' kull awtur speċifiku tkun trid tiġi mistħarġa fil-meriti tagħha indipendentement mir-responsabilita penali tal-komparteċipi potenzjali l-oħra. Il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa - u d-dmir - li tieħu kont u qies tal-grad ta' dik il-kontribuzzjoni meta tiġi biex tiddetermina l-entita tar-responsabilita individwali ta' kull awtur singolu skont kif ikun jirriżulta fil-każ partikolari meta tiġi biex terogalu s-sentenza xierqa.

63. Illi minbarra d-distinzjoni bejn atti ta' negliġenza bażati fuq l-istati mentali partikolari u oħrajn bażati fuq kondotta speċifikata, issir ukoll distinzjoni ulterjuri bażata fuq is-sors ta' dawk l-atti; iġifieri :

(i) kondotta kolpuża konsistenti fi ksur ta' kondotta bażata fuq l-esperjenza komuni jew teknika; u
(ii) kondotta kolpuża derivanti minn non osservanza t'obbligu statutorju li l-Leġislatur ikun ħaseb fih sabiex jipprovdi għall-protezzjoni tal-persuni bil-mezz ta' impożizzjoni ta' prekwazzjonijiet meħtieġa biex jilqgħu kontra l-possibilita' ta' eventi dannużi. Dan ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** deċiż nhar is-26 ta' Marzu 1998:

> L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivanti mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem ''nuqqas ta' ħsieb'', ''traskuraġni'' u ''nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni'' filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem ''nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti''. Huwa appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-leġislatur mhux qiegħed jirreferi biss għal-leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordniiet eċċ) iżda għal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita u għalhekk qed tirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (bħal per eżempju r-regolament infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika.

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurispridenzjali l-Qorti trid tiddetermina jekk Andre Galea għandux jinstab ħati ta' kondotta kolpuża kif spjegat.

Tali determinazzjoni tista' ssir biss b'riferenza għall-provi miġjuba l-quddiem u senjatament dawk dwar l-għemil tal-imputat, liema provi jimmillitaw favur il-prevedibbilità tas-sinistru.

__Ir-Riżultanzi__

Qabel xejn ser issir riferenza għal rikors u għar-rapport anness miegħu, ppreżentat mill-AWD, fejn jissemmew inċidenti li wasslu sabiex id-dipartiment jitlob li jiġi awtorizzat iraqqad il-klieb ta' Andre Galea. Dan qed jiġi ikkunsidrat unikament tenut kont tal-fatt li **l-imputat qatt ma ikkontesta dawn ir-riżultanzi** tant li mitlub jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-istess, kull ma talab lill-Inkwirenti kien li qabel jitraqqdu l-klieb jkollu opportunita jżurhom![163]

1. L-Aggressività tal-klieb

Mill-atti tal-Inkjesta jirriżulta li erba' (4) xhur wara s-sinistru, nhar id-19 ta' Jannar, 2021, waqt li dawn il-klieb kienu miżmuma għand l-AWD, ċertu Raymond Calleja, ħaddiem mad-dipartiment, kien qed jipprepara biex joħroġ lill-kelb "Bullet". Hekk kif il-kelb lemaħ ħaddiem ieħor li kien fuq in-naħa l-

[163] Vide risposta tiegħu ta fol.162 tal-Proċess Verbal

oħra tal-kamra, *"l-atteġġjament u l-attitudni ta' Bullet saret f'daqqa waħda aggressiva tant illi Bullet beda jġebbed b'saħħa kbira c-ċinga li minnha kien qed iżommu Raymond Calleja daqs li kieku ried jaqta' c-ċinga u jmur għall-ħaddiema l-oħra ovvjament b'rabja u aggressività".*

Iżda dan ma kienx l-uniku inċident bil-klieb tal-imputat għaliex ħaddiema oħra, ċertu Louise Arpa, hekk kif kienet qed tipprepara lil Chika biex toħroġha għall-mixja ta' filgħodu, meta semgħet il-kommozzjoni li nqalgħet kif appena deskritt, għaddiet iċ-ċinga tal-kelba lil waħda mill-voluntiera, sabiex tmur tara x'ġara u tipprova tikkalma lil Bullet. Ġara iżda li *"f'salt wiehed, Chika irvillat u **b'mod aggressiv u mingħajr provokazzjoni, gidmet darbtejn** lill-istess voluntiera <u>Anelise Camilleri</u> kemm f'sieqha tax-xellug kif ukoll f'idha tax-xellug tant illi kellha bżonn tmur ġewwa klinika għall-assistenza medika. Malli Anelise bdiet tgħajjat għall-għajnuna, resqet Louise Arpa sabiex tipprova tikkalma l-kelba Chika u tipprova twaqqaf lil Chika milli tkompli tigdem lil Camilleri. Biss però gara illi malli Louise Arpa ippruvat tikkalma lill-Chika, Chika ppruvat tigdem sieq <u>Louise Arpa</u> għaliex l-istess kelba kien għadha aggressiva u rrabjata ħafna".*

Dr. Josianne May Williams pproċediet biex tassisti l-Chika u tikkonstata jekk kellhiex rimors għal dak li kien seħħ, iżda ġie stabbilit *"illi l-kelba Chika ma uriet l-ebda rimors għal dak illi kien għadha kif għamlet tant illi kienet qed tferfer denbha daqs li kieku qatt ma kien xejn. Illi fil-konfront tal-kelb Bullet, dan <u>il-kelb baqa' juri aggressività kbira</u> lejn kull persuna ġdida illi jkun hemm ġewwa l-Animal Welfare Dog House (kennels) tant illi kull darba li jersaq xi hadd lejh hu jibda jirrabja u jiġi aggressiv ħafna waqt li jibda jogħla u jissabbat mal-gaġġa sabiex jipprova jaħrab minnha".*[164]

Fir-rapport ppreżentat mill-Veterinarja Williams ingħad:[165]

*"Chika and Bullet at times can be friendly with people they know. Chika however bit without provocation and with no warning signs at all, growling etc…*

*Bullet continued to show <u>extreme aggressive behaviour</u> to anyone new (contract workers) who entered the kennels, he was lunging at the cage and jumping up trying to get out.*

*The fact that they reacted this way <u>without any triggers and are unpredicatbale,</u> combined with the amount of **physical damage they can do, makes them extremeley dangerous.***

*In my professional opinion, these animals pose a **serious risk** to any workers in contact with them and **should be put to sleep before they injure anyone else**".*[166]

[164] Fol.153-154

[165] **Dok.JW** a fol.155 et seq tal-Proċess Verbal

[166] Fol.155-156 tal-Proċess Verbal

Ta min isemmi wkoll li kien hemm it-tielet inċident b'dawn il-klieb fejn fit-18 ta' Settembru 2020 uffiċjal tad-Dipartiment, Fiorita Sammut, *"Sfat aggredita minn wieħed mill-Klieb"* ta' Galea.[167]

Il-klieb traqqdu fit-8 ta' Frar, 2021,[168] ħames (5) xhur wara l-akkadut.

Kummenti ulterjuri, għajr li kien ben **konxju tal-periklu** li dawn il-klieb kienu għal terzi, huma superfluwi!

Isegwi li jekk dawn l-uffiċjali kollha rrejalizzaw il-perikolożita tal-klieb fl-erba' (4) xhur li kienu fil-kustodja tagħhom -

- Kif qatt jista' jitwemmen Andre Galea - li mhux kontestat minnu, anzi jikkonferma, li hu mgħallem fil-mestier fiż-żamma ta' klieb - li ma ntebaħx li dawn il-klieb kienu ta' periklu serjissimu w jpoġġu terzi f'riskju imminenti, tul l-erba' jew ħames snin li kienu ilu għandu?

- Kif qatt seta ma jirrealizzax li nanntu setgħet sabet ruħha fi bżonn immedjat sabiex toħroġ fil-bitħa ta' darha?

- Mnejn sa fejn ħalliha inkarċerata ġewwa dak il-fond għal kapriċċ u passatemp tiegħu?

Il-prevedibbilità ta' xi sinistru **mhux talli kienet prevedibbli iżda kienet mistennija** li xi jum jew ieħor iseħħ dak li seħħ. L-inqas li seta jagħmel l-imputat meta kien jaf sew li qed iħalli lil nanntu ma armi potenzjalment qattiela, effettivament żewġ *time bombs,* kien li jkompli jgħix magħha u jara li kemm jista' jkun ma titħalliex waħedha. Minflok konxjenzożament għażel li ġġiegħelha tgħix msakkra bejn erba' ħitan mingħajr ma tista' tieħu nifs arja jekk mhux meta toħroġ mill-bieb ta' barra f'għajnejn in-nies mingħajr privatezza ta' xejn. Komportament tal-mistħija u ta' għajb!

**Prevedibbilità li kienet bil-wisq evidenti għal kull minn kellu xi forma ta' kuntatt ma dawn il-klieb għajr għall-imputat.**

2. Din il-prevedibbilità w nuqqas ta' kuranza da parti ta' Galea ma kienitx sempliċiment dovuta għal fatt minn ewl id-dinja li klieb, partikolarment dawk tar-razza ta' Bullet u Chika, huma klieb li jafu jkunu aggressivi ħabta w sabta.

---

[167] Fol.166 tal-Proċess Verbal
[168] Fol.171 tal-Proċess Verbal

Hu stess jirrikonoxxi li *"kont **navżaha sabiex iżomm dawn iż-żewġ bibien magħluqa** għax il-klieb miegħi kienu jġibu ruħhom sew imma hija kienet qisha estraneja għalihom"*. [169] Iżid, **"..dawn kollha Pitbulls u kapaċi jkunu aggressivi ħafna".**[170] *Viva voce* jixhed li *"Qatt ma kienu aggressivi imma **annimal territorial ħafna**. **Jiġifieri jekk tidħol fit-territorju tiegħu waqt li ma jkunx hemm sidu, jaf ikun naqra aggressiv. Għalhekk jgħidilhom tal-għassa il-klieb**."*[171]

**Alfred Galea** jsemmi kif ibnu kien jgħid lill-nanntu ***"Nanna don't open the door".***[172] Meta mitkellem mill-Maġistrat Inkwirenti dwar jekk kienx jidħol fir-residenza t'ommu spiss l-istess xhud xehed hekk: *"Sometimes. But **much of the time I dont because I'm scared of the dogs. I'm very scared of the dogs**"*[173] u jzid aktar il-quddiem ***"No, no, no because to tell you the truth I'm scared of the dogs".***[174]

**Daniela Zammit** tixhed dwar l-importanza li Ines ma jkollix kuntatt mal-klieb tal-imputat:

> *"Parte Civile: Issa. Inti lil Ines kont tissuġġerilha wkoll u tfakkarha biex ma tiftħux dak il-bieb.*
>
> *Xhud: **Kuljum.***
>
> *Parte Civile: Kuljum. Allura inti lill-partner tiegħek, kont issuġġerejtlu biex minflok, biex ikun hemm is-safety, li l-bieb ta' fuq. Dment li ma kontux tkunu hemm. ..... Meta f'dak il-mument żgħir li ma kontux tkunu ma' Ines kont tgħidlu biex isakkru ta' fuq, biex għallinqas il-bitħa, jekk ikollha aptit tiftaħha ftit għall-arja. Jekk ikollha aptit tużaha ftit, peress li hi tagħha, tkun tista' tużaha mingħajr periklu. U l-bżonnijiet tal-kelb jagħmluhom meta tkunu preżenti intom mal-klieb.*[175]
>
> .....
>
> *Qorti: Deliah, ħu naqra paċenzja bija. Għamilt enfasi ħafna fuq il-fatt li lin-nanna kontu tgħidulha, qis li ma tiftaħx dak il-bieb u toħroġ fil-bitħa. Fl-istess ħin qed tgħid li l-klieb qatt ma kienu aggressivi u kienu very friendly. Imma **għaliex lin-nanna din l-insistenza biex ma toħroġx hemmhekk.***
>
> *Xhud: Għax **il-klieb huma kbar ħafna u huma ta' ċertu saħħa** mhux bħal kelb tal-kina li kellha hi. Taċ-Chiuahah. **Sempliċiment jekk jitla' miegħek.** Darba jiena ħriġt*

[169] Fol.25
[170] Fol.25
[171] Fol.344
[172] Fol.63 tal-Proċess Verbal
[173] Fol.63 tal-Proċess Verbal
[174] Fol.64 tal-Proċess Verbal
[175] Fol.361

*bil-kelba tiegħi, qelbitni. Issa jiena fini kważi six feet. Għandha ċertu saħħa.* ***Dawn il-klieb għandhom ċerta saħħa. Mhux qed nitkellmu fuq ten kilo dog. Dawn 30 kilos, 40 kilos. Mara ta' 95 jekk jitla' kelb magħha biex jifraħ biha ħa jeqlibha żgur.***

*Qorti: Il-problema kienet li jista' jitla' magħha biss.*

*Xhud:* ***Anke jekk sempliċiment għandha z-zokkor u jigrifha jew hekk. Għax il-klieb għandhom id-dwiefer. Jista' jagħmel ħsara mingħajr ma jkun jaf il-kelb.".***[176]

**Andre Galea** nnifsu jkompli juri il-perikolożità ta' dawn il-klieb għal terzi meta fuq domanda tal-Qorti jtenni li meta joħroġhom *"Jien* ***qatt ma nħallihom bla leash"*** u jkollhom **sarima** ma ħalqhom.[177]

3. Il-perikolożità tas-sitwazzjoni li l-imputat poġġa lill-nanntu fiha ġiet awmentata minnu stess permezz tal-għemil u kondotta tiegħu. Dan meta anke skond missieru kien l-imputat li kien jieħu ħsieb il-bitħa *"Yes it [recte: he] takes care of the yard"*[178]*:*

a) Il-bieb tal-ewwel sular *"Dak dejjem miftuħ kont inħallih sabiex il-klieb jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom barra. Iva dakinhar kien miftuħ."* Dak il-bieb kien jinżamm miftuħ tul l-erba' (4) snin li kien ilu jżomm il-klieb f'dak il-fond.[179]

Mela ġaladarba l-klieb kienu qed jagħmlu użu mill-bitħa, kellu obbligu jew li jara li l-klieb jinħargu fil-bitħa fil-presenza tiegħu biss jew jara kif **jirrendi l-post aktar sikur** għal nanntu billi jissepara u jissegrega parti mill-bitħa biex tintuża mill-klieb filwaqt li jassigura li l-parti li setgħet tintuża minn nanntu f'każ ta' bzonn, ma tkunx disponibbli għall-istess klieb.

Sempliċi kanċell/grada għolja jew xi tip ta' lqugħ ieħor fil-bokka ta' dik il-parti dejqa tal-bitħa, li tidher mhux biss fir-ritratti esibiti iżda tidher ħafna aktar spjegata fil-pjanta annessa mar-rapport tal-espert perit Mario Cassar, kienet isservi sabiex tiġi preservata ħajjet din ix-xwejħa.[180]

b). Il-fond kien bla dawl.

Mhux kontestat dak li rriżulta lill-Inkwirenti u ċioè li l-fond ma kellux kurrent elettriku l-istat vulnerabbli ta' nanntu ġie reż aktar gravi mill-imputat meta dan

---

[176] Fol.362
[177] Fol.352-353
[178] Fol.329
[179] Fol.34
[180] **Dok.MP1** a fol.135 tal-Proċess Verbal

ippermetta li minbarra l-periklu attinenti minħabba l-klieb, nanntu titħalla bla dawl fil-fond tagħha.

**Frederick Sammut** semma li r-residenza tad-*decujus*, ma kellhiex dawl.[181] Bintha **Rosemarie Barbara** wkoll ikkonfermat li ommha kienet ilha bla dawl mit-30 t'Awissu ta' dik is-sena.[182] Jeanette Barbara tixhed *"Ilha bla dawl mit-tletin (30) ta' Settembru."*[183]

Possibbli ma ntebaħx li mingħajr dawl nanntu setgħet sabet ruħha f'diffikultà biex tiċċekkja l-bieb kienx tassew magħluq? Ma jridx jintesa li kien għadu s-sajf. Fond mingħajr arja friska li titħalla tiċċirkola fl-abitazzjoni hu diġà impensabbli; aħseb u ara meta lanqas ma setgħet tuża xi tip ta' ventilazzjoni artifiċjali permezz ta' fannijiet. Possibbli qatt ma rrejalizza li nanntu setgħet kellha bżonn tiftaħ il-bieb tal-bitħa biex ikun hemm ċirkolazzjoni t'arja biex ittaffi s-sħanat tas-sajf Malti.

**Jekk qatt ma rrejalizza s-sewwa magħruf, altru li jikkonkorru l-elementi kollha biex jitqies responsabbli talli naqas jipprevedi l-prevedibbli!**

c). Kif qatt jista' jitwemmen li ma ġieħx f'moħħu fatt li meta għandek bieb tal-aluminju kontrollat minn mara fraġli ta' 94 sena, faċli li dan ma jibqax sikur anke jekk firoll ma jkunx imqabbad sew, jew iċ-ċavetta ma tiddawwarx sew. Is-sempliċi forza ma bieb, anke tal-klieb stess[184] li jitilgħu jew jaħbtu miegħu, seta jwassal sabiex il-bieb jitlef mill-forza w saħħa tiegħu b'konsegwenza li jista' jillaxka jew is-sokor tiegħu ma jibqax wieħed b'saħħtu.

d). Kien l-imputat stess li fl-ewwel stqarrija jammetti li nanntu ġieli kienet tagħmel użu mill-bitħa filwaqt li jenfasizza l-periklu li kienet esposta għalih nanntu billi kien iwissiha tħalli l-bibien magħluqa: *"kont* ***navżaha sabiex iżomm dawn iż-żewġ bibien magħluqa*** *għax il-klieb miegħi kienu jġibu ruħhom sew imma hija kienet qisha estraneja għalihom u seta' ġara li nħasdu....Ngħid ukoll li hija kienet* ***ġieli toħroġ fil-bitħa bic-chiwawa f'idejha****. Il-bieb tal-bitħa dejjem kien ikun msakkar".*[185]

L-imputat spiċċa jittratta lill nanntu agħar mill-klieb kien iżomm fil-pens. Lil klieb pprovdilhom spazju fejn jimirħu iżda lil nanntu rrendiha priġuniera

[181] Fol.189-192

[182] Fol.167

[183] Fol.252 tal-Proċess Verbal

[184] Jeanette Barbara issemmi li wara l-bieb tal-bitħa kienet tara l-klieb w għalhekk ma kienux joħorġu fiha a fol.170 tergo

[185] Fol.25

f'darha! Dan biex ma jissemma xejn dwar li ppermettielha tibqa mingħajr dawl elettriku!!

X'non-kuranza dik! X'abbandun totali tad-*duty of care* li jinkombi, f'qies jew ieħor, fuq kull min jiġi f'kuntatt ma persuna vulnerabbli bħal Ines Galea li kienet tiddependi għal kollox fuq l-għajnuna ta' terzi!!

Mhux talli pprovdiet lil l-imputat b'saqaf fuq rasu iżda dan bla mistħija **ttrasforma dik id-dar fil-forka. Hu sar il-bojja tagħha!**

g). Jirrikonoxxi li kemm il-darba hu kien jinsab id-dar, il-klieb ma kienux jinfexxu jqattaw lill-nanntu li"*kont inħobba ħafna".*[186] Dan jimmanifesta li **kien jaf bil-periklu w r-riskji li gratwitament kien qed jesponi lill-nanntu għalihom:**

- **"..dawn kollha Pitbulls u kapaċi jkunu aggressivi ħafna";**[187]
- *"..... **annimal territorial ħafna. Jiġifieri jekk tidħol fit-territorju tiegħu waqt li ma jkunx hemm sidu, jaf ikun naqra aggressiv. Għalhekk jgħidulhom tal-għassa il-klieb.**"*[188]

h).Jammetti li hu ma jsuqx[189] w għalhekk aktar seta jipprevedi li f'każ ta' bżonn jew t' emerġenza ma kienx ser ikun jista' jkun t'għajnuna f'waqtha lil nanntu. Tassew ma kienx jimpurtah minnha imma l-attenzjoni tiegħu kienu biss il-klieb, li ħallihom arja u post biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom meta lill nanntu ċaħadha mill-ħtiġijiet ta spazju miftuħ w inkarċeraha!

4. **PC149 Jesmond Abela** spjega kif uffiċjali tas-CPD ma fdawx lilhom infushom, mqar ghal ftit mumenti, fir-residenza b'dawk il-klieb jiġġerrew fiha. Kif allura ippretenda Galea li jafda lill-nanntu magħhom meta saram ma tafx meta jista' jinqala, aktar u iktar meta hu stess kien konxju - kif iħalli taħrablu l-kelma fl-ewwel stqarrija – li nanntu ġieli kienet toħroġ fil-bitħa bil-kelba tagħha u dan minkejja it-twissijiet tiegħu biex il-bieb jibqa' magħluq? Jiddeskrivi l-aġir tal-uffiċjali *"Ħarġu riħ il-barra, għax niżlu, għax niżlu l-klieb għalihom, niżlu żewġt iklieb għal tas-CPD*[190] *............ Gas down ħarġu, riħ".*[191]

---

[186] Fol.34-35
[187] Fol.25
[188] Fol.344
[189] Fol.34
[190] Fol.112
[191] Fol.114

L-imprevvedibilità tal-kondotta tal-klieb tiġi rikonoxxuta anke mill-uffiċjali tal-AWD. **Raymond Cutajar** semma kif lill-klieb *"Ma afdajnihomx"* u kien għalhekk li biex jinħarġu mir-residenza stennew lil sidhom jasal fuq il-post.[192]

Din hi turija mill-aktar ċara li kull min hu midħla tal-klieb u senjatament tar-razza li kien qed irabbi l-imputat, kien jaf li ma setgħux jiġu fdati aħseb u ara tħallihom fi-preżenza ravviċinata ta' xwejħa!

5. Huma diversi x-xiehda li jiddeskrivu kif għalkemm Ines kienet tfendi għal rasha l-età tagħha rrendietha vulnerabbli:

- Binha **Alfred Galea** meta jsemmi li *"she was old. I imagine she was too old to wash the clothes?"*[193].

- **Daniela Zammit** semmiet kif "*<u>Ines ma kinitx tiflaħ titla turġien…minħabba l-eta tagħha</u>."*[194]. Tkompli li *"<u>Aħna dejjem konna ngħidulha</u>, one, minħabba l-eta kritika tagħha. Mara ta' 95 ċertu klieb ta' saħħa. Anke jekk jitilgħu miegħek jistgħu jeqilbuk. Konna nammonuha dejjem biex ma toħroġx. Ma kellhiex għalfejn toħroġ."*[195] Tissokta tixhed ***"Ines, saħħitha ma tantx kienet tajba."***[196]

- **Andre Galea** ukoll juri li nanntu kellha d-diffikultajiet tagħha meta jixhed *"Għax in-nanna kienet tbghati naqra biex tisma"*.[197]

- Jeannette Barbara xehdet hekk quddiem il-Perit Tekniku: [198] *"..fejn sabu lin-nanna hemmhekk hemm bitħa żgħira, titla taraġ għoli ħafna li nanna ma kinitx kapċi titilgħu għax dan l-aħħar kienet qiegħda iżżomm jaħasra magħna anke tarġa żgħira ....".*[199]

6. Finalment bix-xiehda tiegħu l-imputat jissiġilla l-każ tal-prosekuzzjoni. Hawn jintwera bl-aktar mod manifest kif kien konxju li **nanntu kienet konstantament f'periklu kawża tal-klieb** li kienu jiġġerrew fil-bitħa li sa mill-bidu nett semma li kienet tagħmel użu minnha:

---

[192] Fol.150-151
[193] Fol.331
[194] Fol.358
[195] 359
[196] 360
[197] Fol.344
[198] Fol.169
[199] Fol.234

*"kont **navżaha sabiex iżomm dawn iż-żewġ bibien magħluqa** għax il-klieb miegħi kienu jġibu ruħhom sew imma hija kienet qisha estraneja għalihom u seta' ġara li nħasdu....Ngħid ukoll li hija kienet **ġieli toħroġ fil-bitħa bic-chiwawa f'idejha**. Il-bieb tal-bitħa dejjem kien ikun msakkar".*[200]

Mir-risposti li jagħti in kontro-eżami, il-Qorti tinnota li kemm nanntu kif ukoll hu stess kienu konxji tal-periklu li kienu jippreżentaw il-klieb:

*Prosekutur: Għalxiex kont tgħidilha biex ma toħroġx hemm barra?*

*Xhud: **Dejjem kienet tinkweta li toħroġ hemm barra u ma nkunx hemm jien.***

*Prosekutur: Allura jekk qed tinkwetak daqshekk, il-bieb għala ma kontx issakkru inti u ċ-ċavetta żżommha int biex żgur li ma jkunx hemm it-tentazzjoni li jinfetaħ dan il-bieb?*

*Xhud: Darba minnhom, **ippruvajt infehemha** u kważi irrabjat miegħi. Qaltli jien minix tifla żgħira. Jien jekk ngħidlek li ma noħroġx fejn il-klieb, ma noħroġx fejn il-klieb. Minix tifla żgħira.*

*Prosekutur: U għalxiex biex meta ma jkunx hemm int biss, għalxiex ma kontx issakkar għallinqas il-bieb ta' fuq biex l-aċċess tal-klieb għal viċin in-nanna, anke kienu klieb kbar, jekk jaraw naqra ikel se jeċitaw ruħhom. Nafu x'jagħmlu l-klieb. Għax ma kontx għalaqt ta' fuq imbagħad meta tiġi inti biex tnaddfilhom, biex tieħu pjaċir ħdejhom, kif għandek kull dritt, tifttħilhom biex ikollhom iktar spazzju fejn iduru.*

*Xhud: **Il-bieb veru li ma kontx ngħalqu. Biex jagħmlu toilet barra. Veru li ma kontx ngħalqu**[201]**.....***

*kif ghedtlek, il-kelb annimal territorial ħafna .... ikun hemm dizgwid bejniethom[202] ...... Kienu maturi...Dawn kienu tnejn they roam around....Kienu jiġru ġod-dar tiegħi u **kienu jinżlu fil-bitħa tan-nanna wkoll**."*[203]

## Konklużjoni

Minn dawn ir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ma jitħallilha ebda dubbju li Andre Galea **naqas serjament u volontarjament jagħmel dak li raġonevolment kien mistenni minnu sabiex ipprevjena l-attakk u l-mewt konsegwenti ta' nanntu kawża tal-klieb li kkostrinġiha tibqa' esposta għalihom.**

[200] Fol.25
[201] Fol.345-346
[202] Fol.348
[203] Fol.350-351

Fi kliemu **"..dawn kollha Pitbulls u kapaċi jkunu aggressivi ħafna"**[204] **u** " ... ***annimal territorial ħafna. Jiġifieri jekk tidħol fit-territorju tiegħu waqt li ma jkunx hemm sidu, jaf ikun naqra aggressiv. Għalhekk jgħidilhom tal-għassa il-klieb.***"[205]

Għal snin ippermetta, b'mod konsapevoli għall-aħħar, li kull ma kien jissepara ħajjet nanntu - bl-età ferm avvanzata w il-vulnerabilità tagħha - u l-klieb li tant kien konxju tan-natura aggressiva tagħhom li biex joħroġhom "J*ien* ***qatt ma nħallihom bla leash"*** u jkollhom sarima ma ħalqhom,[206] kien hemm biss biċċa bieb tal-aluminju.

Kif intqal, din ix-xwejħa ta' 94 sena kienet tinħtieġ l-għajnuna minn diversi persuni, kemm dawk tal-familja kif ukoll ġirien. Filwaqt li l-Qorti tifhem li Andre ma jkunx l-uniku membru tal-familja li fuqu kien jinkombi id-***duty of care***, hu ċert li dan id-dover, dan l-obbligu tiegħu li jieħu ħsieb is-saħħa u l-benessere ta' nanntu, ġie ghal kollox mwarrab konsapevolment u mogħti l-ġenb meta għażel il-klieb fuq nanntu, demmu stess.

Li kieku indenja ruħu jippresta ftit mill-attenzjoni li kien jagħti lil klieb lin-nanntu, din il-mara setgħet tgħix l-aħħar ġranet ta' ħajjitha b'mod dinjituz iżda fl-aħħar mill-aħħar mingħajr il-perikli li sfat vittma tagħhom! Il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet finali minn tiegħu l-abbli difiza korrettament tagħmel riferenza li l-klieb għandhom jinżammu b'mod dinjituz, u kien propju dak, fil-fehma abbilissima tagħha, li għamel l-imputat.

U hawnhekk il-Qorti tistaqsi: bl-istess raġunament, għaliex l-imputat ma assikurax ukoll li nanntu titħalla tgħix b'mod dinjituz? Għaliex ħalliha kostretta li ma tiftaħx il-bitħa ta' darha stess biex hi stess iduq id-dinjità li kien jixirqilha, iktar u aktar meta kien jirrikonoxxi li din kienet toħroġ fil-bitħa bil-kelba?? Andre stess iddikjara: "*Ngħid ukoll li hija kienet* ***ġieli toħroġ fil-bitħa bic-chiwawa f'idejha***. *Il-bieb tal-bitħa dejjem kien ikun msakkar*".[207]

Jitfakkar kliem l-imputat "***annimal territorial ħafna. Jiġifieri jekk tidħol fit-territorju tiegħu waqt li ma jkunx hemm sidu, jaf ikun naqra aggressiv. Għalhekk jgħidulhom tal-għassa il-klieb.***"[208] L-inqas li seta jagħmel meta kien jaf li kien ikun assenti minn dik id-dar kien li jaqfel il-klieb kemm il-darba ma sabilhomx post alternattiv.

---

[204] Fol.25
[205] Fol.344
[206] Fol.352-353
[207] Fol.25
[208] Fol.344

Kif ġa aċċennat aktar il-fuq, tnissel obbligu w dover fuq Galea li ma jipperikolax ħajjet nanntu meta għażel li jħalli klieb, li fi kliemu jafu jkunu aggressivi għaliex huma "territorjali", jiċċirkolaw liberament fid-dar ta' nanntu , *"Fil-verita, id-dar kollha tan-nanna kienet."*[209] *Multo magis* meta mar jgħix ma missieru; dan meta kif jixhed missieru stess ibnu għażel li jieħu ħsieb lin-nanntu, ***"He told her 'of course I look after you'"***![210]

Il-verità hi li l-imputat, sar territorjali aktar mill-klieb tiegħu f'dik id-dar. Għażel li jibqa' jokkupaha w jikkappara saħansitra l-uniku bokka t'arja li setgħet titgawda minn nanntu għall-gost u pjaċir tiegħu. Hawn isib applikazzjoni l-qawl Malti li *"il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser"*. Sfortunatament mhux il-ġarra nkissret iżda Ines Galea, li sfat mikula mill-ktieb li tant kien beżgħana minnhom!

Ines Galea rat id-dar tagħha tittrasforma ruħha f'*kennel* glorifikata, bil-klieb t' Andre Galea li *"Jorqdu miegħi fis-sodda"*[211] jirrenduha priġuniera f'darha, bil-perikli li ż-żamma tagħhom fil-fond kienet inevitabbilment w effetivament tesponiha għalihom. B'hekk simili għall-imsejkna Rachel Bowdler, anke Ines ġiet kostretta *"tiddependi kompletament u esklussivament"*[212] fuq l-għażliet ta' Andre Galea fejn minħabba *"l-interessi"*[213] esklussivi tiegħu poġġiha f'ħalq il-mewt.

**Malli ippermetta klieb jiġru liberament fil-bitħa ta' nanntu, Andre Galea assuma l-obbligu tad-*duty of care* tal-istess nanntu**. Anzi l-abbandun totali tad-dover tiegħu versu nanntu, jieħu dimensjoni ferm aktar gravi meta l-imputat ma baqax jgħix magħha. Kien dover tiegħu li messu raha kif jagħmel biex lin-nanntu jiskansaha mill-perikli w riskji li hu stess, bl-ghemil konxju w konsapevoli tiegħu, ħoloq u telaqha fihom; u dan meta kien jaf bl-istat vulnerabbli w fraġli tagħha fejn anke jammetti *"in-nanna kienet tbati naqra biex tisma'"*[214] filwaqt li kien jaf li kienet tbati biex timxi.

Kwalunkwe persuna setgħet tipprevedi li persuna li tbati minn dawn il-kondizzjonijiet kienet f'pożizzjoni aktar prekarja biex taħrab minn periklu li potenzjalment u gratwitament ġiet soġġetta għalih bħal jekk ma tintebaħx li

---

209 Fol.348
210 Fol.68-69 tal-Proċess Verbal
211 Fol.351
212 **Concetta Decelis u Jason Decelis v. Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et; Qorti Kostituzzjonali.** Seduta 2 ta' Mejju, 2011; Appell Ċivili Numru. 3/2009/1
213 Ibid.
214 Fol.344

bieb forsi infetaħ; li mill-ħoss ta' klieb kienet tinduna li huma aktar fil-qrib u diversi sitwazzjonijiet oħra simili!

L-istess jista' jingħad għall-passi bil-mod u b'diffikultà tagħha fejn evidentement ma setgħetx tgħaġġel f'każ li riedet taħrab minn xi saram.

Il-pożizzjoni tal-vittma, murija fir-ritratti esibiti,[215] hi b'wiċċha lejn il-bieb li jagħti għal ġewwa l-fond; evidenza li kienet qed tipprova tieħu kenn f'darha meta sfat attakkata w maqtula brutalment. Hu ċar li Ines Galea ma rnexxielix tgħaġġel biżżejjed biex taħrab il-kalvarju li kellha tgħaddi minnu!

Fl-aħħar nett u għal kull buon fini jiġi rilevat li f'dan il-każ ma nġabitx prova waħda li twassal sabiex isir magħruf kif Ines Galea spiċċat fil-bitħa jew għaliex. Dak li ġara ser jibqa' misteru w ndifen magħha. **Għaldaqstant ma tirriżulta, lanqas sal-grad tal-probabbli, negliġenza kontributorja** da parti tagħha li tista' sservi sabiex tiġi mitigata l-piena erogabbli. Kulħadd xehed kif din ix-xwejħa kienet ossessjonata sabiex il-bieb jibqa maqful w għaldaqstant ma jirrizultax li din azzardat tiftaħ dak il-bieb u ssib ruħha fil-bitħa jekk mhux ghaliex seħħ xi ħaġa li kkostrinġiha tagħmel dan.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi tirriżulta manifestament l-*culpa*. Ġie ampjament pruvat in-<u>ness</u> bejn l-kondotta tal-imputat w ir-riżultat, u cioe` bejn it-traskuraġni w negliġenza minn tiegħu w l-mewt ta' Ines Maria Galea. Il-klieb li hu, bl-imprudenza w non-kuranza tiegħu, ippermetta li jkunu l-kawża tal-mewt tagħha.

Isegwi għalhekk li l-Qorti qed issib li Andre Galea manifestament naqas jipprevjeni l-konsegwenzi dannużi tal-għemil u l-azzjonijiet tiegħu. Ippersista għal snin jpoġġi lin-nanntu f'din is-sitwazzjoni perikoluża; għemil nieqes minn kull uqija tal-buon sens. M'hemmx dubbju li messu ippreveda li kemm il-darba kien qed iħalli l-klieb jiġġerrew f'distanza ravviċinata tax-xwejħa, jum jew iehor kien qed jistieden traġedja. Hekk ġara. Indubbjament ma kienx hemm biss non-kuranza gravissima, iżda abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Jidwu kliemu *"xtaqt kont id-dar għax l-istorja kienet tkun differenti kieku"*.[216]

Konferma minn fommu stess li dak li seħħ kien kaġun tal-imprudenza, non-kuranza w traskuraġni tiegħu, meta abbanduna lill-nanntu ma żewġt iklieb li kien jaf kemm huma aggressivi, li sfat imbiċċra minnhom!

---

215 Fol.34, 38, 39 tal-Proċess Verbal

216 Fol.25

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reat li qed tinstab ħtija dwaru, tar-rapport redatt mill-Psikologa Forensika **Roberta Holland**[217] meta ddeskriviet kif l-imputat kien ilu jbagħti minn dipressjoni għal diversi snin iżda, meta eżaminatu, sabet li *"ma kienx qed jesebixxi sintomi ta' dipressjoni u lanqas ansjeta"*.[218] Immedjatament wara s-sinistru w għas-sitt xhur ta' wara kien esebixxa tendenzi li normalment huma assoċjati ma *depression* pero kien hemm tendenzi ta' *bereavement*. Kien tassew jidher li jħobb lin-nanntu u wara l-mewt t'ommu kellu lilha tieħu ħsiebu. Ikkonstatat li kien hemm *weight loss* kif ukoll stat dipressiv izda dan kien f'perjodu ta sitt xhur li hu l-perjodu normali għal meta jkun hemm luttu. Fil-fatt ma baqax jesebixxi tendenzi jew sintomi depressivi.[219] Is-*social enquiry report* ukoll ġie kunsiderat.[220] Mal-mewt t'ommu ħajtu inbidlet ta' taħt fuq, ġie *boarded out* minħabba episodji ta' depressjoni fejn kellu jingħata mediċina psikjatrika. Fl-istess żmien kien qed jabbuża mid-droga iżda matul il-*probation period* din kienet taħt kontroll tant li *urine tests* ħarġu nodfa.[221]

Ittieħed kont tal-fedina penali[222] mżewwqa tal-imputat minn fejn jirrizulta li dan ma kienx xi *first-time offender*. Fost ir-reati li tagħhom nstab ħati, minbarra reati kontra l-ordni pubbliku, kontra l-persuni w frodi, hemm ħames (5) okkażjonijiet fejn instab ħati ta' sewqan perikoluż anke meta ma kienx awtorizzat isuq għaliex kellu l-liċenzja sospiża. Il-karattru refrattarju tiegħu, kif tixhed il-fedina penali, toffri stampa limpida ta' min hu tassew Andre Galea: Bniedem li ma jafx irażżan lilu nnifsu fil-ferneżija biex jgħix ħajtu b'non kuranza u abbandun totali għall-perikli u l-inkolomunità ta' terzi![223]Turija ċara li l-imputat ma għandu l-ebda eżitazzjoni jipperikola ħajjet individwi kif lanqas iġib rispett lill-awtoritajiet li lilhom instab ukoll diversi drabi ħati li inġurja u ma obdiex direttivi tagħhom.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami *funditus* dwar konsiderazzjonijiet li għandhom isiru meta Qorti tiġi biex teroga piena f'reat t'omiċidju involontarju.[224] Għalkemm dan kien każ fuq sewqan perikoluż li ħasad il-ħajja ta' ħames żagħżagħ, dawk il-konsiderazzjoniet isibu applikazzjoni għal każ in

[217] **Dok.RH1** a fol.221 et seq
[218] Fol.220D
[219] Fol.220D-220E
[220] **Dok.GG1** a fol.242 et seq
[221] Dok. 241A-241B
[222] Fol.4-7
[223] Fil-14 ta. Ġunju 2011 u 15 t'Ottubru 2015 instab ħati li kien sar reċidiv. Vide fol.4-7
[224] L-artikolu li qed issir riferenza dwaru f'din is-sentenza hu l-artikolu 225(2) tal-Kodiċi Kriminali qabel l-emendi li ġew introdotti bl-**Att VII tal-2010**

deżamina. Wara kollox iż-żewġ każijiet jaraw it-telf ta' ħajjiet umani sforz it-traskuraġni lampanti tal-awtur, fejn kemm il-vettura kif ukoll il-klieb servew t'armi qattiela għall-vittmi rispettivi. Anzi l-għemil negliġenti ta' Cassar kien okkażjoni ta' darba filwaqt li dak tal-imputat Galea mifrux fuq medda ta' erba' (4) snin:[225]

> Illi ghalhekk ai fini ta' piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir li l-imputat, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali, u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l erbgha ta' April 1951 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius** gia citata.
>
> In fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose** – 1938 – 20 Crim. App. R. 166; "No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment."
>
> Illi ghalhekk, huwa pacifiku li meta, bl-agir tieghu, imputat jassumi deliberatament atteggjament li hu perikoluz ghal inkolumita mhux biss tieghu nnifsu, imma anke tan-nies li jkollu mieghu u t'utenti ohra tat-triq allura.
>
> "Sentences of imprisonment are generally considered apparopriate in cases of causing death by dangerous driving whther there is an element of deliberate risk taking on the parti of the offender." [Criminal Law Review – March 1968 – pg 171] .....
>
> Ikkunsidrat:
>
> Illi tali atteggjament tant jidher li huwa wiehed radikat anke fis-sistema legali taghna, li t-tribunali lokali kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ilmentaw minn din l-attitudini meta rritenew li:
>
> a. "… il-pieni li kienu qed jinghataw f'hafna kazijiet t'omicidju nvoluntarju kienu irreali u jaghtu wiehed x'jahseb li l-hajja ta' bniedem f'pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja." [**Il-Pulizija v Mark Galea** – Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hmistax ta' Ottubru 1987].
> b. "Il-piena preskritta mill-ligi ghar-reat in kwistjoni hija l-prigunerija li ma teccedix l-erbgha snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu daqstant ovvju, jindika l piena ta' prigunerija u mhux ta' multa." [**Il-Pulizija v Joseph Busuttil et** – Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo datata sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992].
>
> c. "Fuq incidenti bhal dawn din il-Qorti kif preseduta gia kellha opportunita tesprimi ruhha precedentement [vide Il-Pulizija v Giovanni Conte deciza nhar t-tnejn ta' Marzu 2000] fejn uriet l preokkupazzjoni taghha li paragunati ma sentenzi f'kazijiet simili li jinghataw f'pajjizi civilizzati ohra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti." [**Il-Pulizija v Gordon Micallef** – Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hdax ta' Jannar 1994].
> .......

[225] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar**. Per Onor. Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Deċiża 7 ta' Mejju, 2007

Din il-Qorti diga espremiet ruhha f'diversi sentenzi taghha li l-hajja umana f'certi cirkostanzi, giet konsidrata bhala irhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero li f'kull kaz, fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat t'incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija għaliex kull kaz ivarja minn iehor, w altru negligenza ta' certu tip u altru sewqan perikoluz u spavald. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqlu pero il mertu li jkun m'ghandux ikun hemm gustifikazzjoni ghal kazijiet fejn ikun hemm – tirrizulta dik l-ispavalderija u nuqqas ta' responsabbilita estrema fis-sewqan. Kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghal uzu ta' hajja ahjar tac-cittadin, hija wkoll tista tkun arma fatali f'idejn persuni li ma humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan kien kaz li setgha jigi evitat u sehh minhabba l-ispavalderija tal-imputat w ghalhekk thoss lil piena karceraja hija l-piena idoneja.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet kif il-Qrati huma fi dmir li permezz tas-sentenzi tagħhom jgħaddu messaġġ li ċertu għemil u kondotta ma għandhomx postha f'soċjetà li l-għan primarju tagħha hija, qabel xejn, il-preservazzjoni tagħha:[226]

Il-Qorti trid tikkunsidra diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe': l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-kaz kien hemm ghajnuna), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-kaz kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.

Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v.Maurice Agius16** li, '*filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l- internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi*.'

Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant**:
"*Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*."

.......

Illi huwa veru li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa salv ghal xi kontravenzjonijiet u reat zghir w ghalhekk ghandu jigi trattat kwazi kwazi bhala a first time offender, pero' dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha turi xi klemenza mieghu molto piú meta tqis li r-reati li taghhom l-ewwel Qorti sabitu hati huma reati li jkexkxu lis-socjetá bl-aktar mod sever u huwa minn dan l-agir u

[226] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; **Il-Pulizija vs John Zammit**; 27 ta' Novembru 2018; Appell Nru: 351/2018

> komportament li l-Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajfa u vulnerabbi ta' din s-socjeta, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili. ......
>
> Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena tieghu sabiex tibghat wkoll messagg lis-socjetá li l-Qorti mhux ser taccetta dawn it-tipi ta' reati u li hija qeghda hemmhekk sabiex filwaqt li taghmel gustizzja mal-akkuzat, tipprotegi wkoll minuri li jigu abbuzati.
>
> Ghalhekk din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bhal dawn huma ta' min jistmerrhom u ghalhekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza.

Issir riferenza wkoll ghal dak enunċjat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [227]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[228]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[229]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Ikkunsidrat,

---

[227] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[228] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[229] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

Fost iċ-ċirkostanzi tal-każ li ġew kunsidrati mill-Qorti, ingħata piż konsiderevoli għall-fatt li l-għemil tal-imputat mhux biss wassal għall-mewt ta' Ines Maria Galea iżda din ix-xwejħa għaddiet minn kalvarju fl-aħħar nifsijiet li ħadet. X'biża w terrur ġiet gratwitament soġġetta għalihom propju minn neputi tagħha stess. Kienet tassew mewta kerha, li tkexkex. Din it-tbatija li sofriet sforz it-traskuraġni u non-kuranza totali tal-imputat, għandha tkun riflessa fil-piena li ser tiġi erogata.

Din il-piena għandha tirrifletti ukoll l-għemil negliġenti tal-imputat li ma kienx okkażjoni ta' darba, darbtejn, iżda l-spavalderija tiegħu, il-kondotta menefregista tiegħu, ipperdurat għal snin. Daqshekk dam kwotidjanament jesponi lil nanntu għar-riskji li l-passatemp tiegħu ħolqu ghal din il-mara li tant ħabbitu!

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Bonnici et** il-Qorti tal-Maġistrati tenniet:[230]

> Il-Qorti thoss li ghalkemm dan r-reat huwa wiehed involuntarju, xorta huwa wiehed serju hafna w ghalhekk fic-cirkostanzi, thoss li ghandha tinghata piena karcerarja. B'hekk tkun qed taghti messagg li l-hajja tal-bniedem hija mportant w ghandha tissupera kull konsiderazzjoni ohra.

Kliem li din il-Qorti tabbraċċa w tagħmlu tagħha.

Finalment jitfakkar dak kkonstatat mill-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri meta jaċċenna għat-tortura li għaddiet minnha Ines Galea, tittiekel u titbiċċer waqt li għadha ħajja ***"waqt l- allegat aggressjoni fuq Galea, Galea kienet hajja b' ċirkolazzjoni tad-demm attiva".***[231]

Fil-fehma tal-Qorti in-nuqqas tal-imputat kien tant gravi li dan għandu jingħata il-piena fil-massima taghha.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax ma tilmentax mill-inkonsistenza fil-pieni applikabbli għall-reati ta' omiċidju involontarju (u offiżi involontarji fuq il-persuna).

Il-piena kontemplata għar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat hi punibbli b'piena ta' priġunerija sa massimu ta' sentejn jew b'multa ta' mhux aktar minn

[230] Per Onor. Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Deċiża 21 t'Ottubru, 2009.
[231] Fol.114

ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

Possibbli li dan hu l-valur li qed nagħtu għall-hajja ta' bniedem? Daqshekk saret tiswa, anqas minn vettura ġdida deċenti? M'hemmx dubbju li kif soċjetà tħares lejn il-ħajja umana, kif tindokkraha w tipproteġiha, jirrifletti fuq il-valuri mħaddna minn dik is-soċjetà u, fl-aħħar mill-aħħar, fuq il-membri individwali tagħha.

Fil-fehma tal-Qorti spiċċa ż-żmien li reati ta' omiċidju involontarju jiġu kastigati b'pieni li jafu jirriżentaw il-ludikru, meta jitqies li meta persuna jagħmel att ta' natura sesswali mingħajr kunsens bħal ma hu l-każ meta l-awtur, anke jekk kemm kemm mess il-vittma fuq ħwejjiġha, il-piena kontemplata għar-reat hi dik ta' xejn anqas minn tlett (3) snin sa seba' (7) snin priġunerija; piena li tiżdied għal terminu ta' priġunerija bejn l-erba' (4) u disa' (9) snin kemm il-darba ir-reat jitwettaq fuq xi persuna deskritta fl-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali li jinkludi persuni vulnerabbli! Dan biex ma jingħad xejn dwar il-fatt li użu ħażin ta mezz ta' kommunikazzjoni jġorr piena ta multa bil-massimu kontemplati ikun dak ta' ħamsa w għoxrin elf Ewro (€25,000) filwaqt li min iħaddem gwardjan privat mingħajr liċenzja jeħel sa massimu ta €23,293.73.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Andre Galea ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah **għoxrin (20) xahar priġunerija**.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' elfejn mitejn erba' u għoxrin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu **(€2,224.41)** rappreżentanti spejjez peritali.

In vista tal-osservazzjonijiet maghmulha rigward il-piena kontemplata ghar-reat sanċit bl-Artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza tiġi kommunikata lill Onor. President tal-Kamra tar-Rappreżentanti, lil Onor. Ministru għall-Ġustizzja u lil Avukat Ġenerali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**